# REGOLAMENT (KE) NRU 1905/2006 TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL

## tat 18 ta' Diċembru 2006

## li jistabbilixxi strument ta' finanzjament tal-koperazzjoni għall-iżvilupp

IL-PARLAMENT EWROPEW U L-KUNSILL TA' L-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidraw it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 179 (1) tiegħu,

Wara li kkunsidraw il-proposta mill-Kummissjoni,

Waqt li jaġixxu skond il-proċedura stabbilita fl-Artikolu 251 tat-Trattat ([1]),

Billi:

(1) Qiegħed jiġi propost qafas ġdid għall-ippjanar u l-għoti ta' assistenza sabiex l-assistenza esterna tal-Komunità tkun aktar effettiva. Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1085/2006 ([2]) jistabbilixxi Strument għal Qabel l-Adeżjoni, għal assistenza Komunitarja lill-pajjiżi kandidati u lill-pajjiżi li jistgħu jkunu kandidati. Ir-Regolament (KE) Nru 1638/2006 ([3]) fih dispożizzjonijiet ġenerali li jistabbilixxu Strument Ewropew għall-Viċinat u s-Sħubija (ENPI). Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1934/2006 ([4]) jistabbilixxi strument ta' finanzjament għall-kooperazzjoni ma' pajjiżi u t-territorji industrijalizzati u oħrajn ta' dħul għoli. Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1717/2006 ([5]) jistabbilixxi strument ta' stabbilita. Ir-Regolament (KE) Nru .../2007 (*) jistabilixxi strument għall-kooperazzjoni għas-sigurtà nuklejari. Ir-Regolament (KE) Nru 1889/2006 ([6]) jistabbilixxi strument ta' finanzjament għall-promozzjoni tad-demokrazija u tad-drittijiet tal-bniedem madwar id-dinja. Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru. 1257/96 ([7]) jikkonċerna l-għajnuna umanitarja. Dan ir-Regolament jistabbilixxi strument ta' finanzjament tal-koperazzjoni għall-iżvilupp li jipprovdi appoġġ dirett għall-politika tal-Komunità dwar il-koperazzjoni għall-iżvilupp.

(2) Il-Komunità ssegwi politika ta' koperazzjoni għall-iżvilupp li timmira għall-kisba ta' l-objettivi ta' tnaqqis tal-faqar, l-iżvilupp ekonomiku u soċjali sostenibbli u l-integrazzjoni bla xkiel u progressiva ta' pajjiżi li qed jiżviluppaw fl-ekonomija dinjija.

(3) Il-Komunità ssegwi politika ta' koperazzjoni li trawwem il-koperazzjoni, is-sħubiji u impriżi konġunti bejn atturi ekonomiċi fil-Komunità u pajjiżi u reġjuni msieħba, u tippromwovi d-djalogu bejn l-imsieħba politiċi, ekonomiċi u soċjali f'setturi relevanti.

(4) Il-politika ta' koperazzjoni għall-iżvilupp u l-azzjoni internazzjonali tal-Komunità huma ggwidati mill-Għanijiet ta' Żvilupp tal-Millennju(MDGs), bħall-eliminazzjoni tal-faqar estrem u tal-ġuħ, adottati mill-Assemblea Ġenerali tan-Nazzjonijiet Uniti fit-8 ta' Settembru 2000, u mill-objettivi u l-prinċipji ewlenin ta' żvilupp approvati mill-Komunità u l-Istati Membri tagħha fil-kuntest tan-Nazzjonijiet Uniti (NU) u organizzazzjonijiet internazzjonali kompetenti oħra fil-qasam tal-koperazzjoni għall-iżvilupp.

(5) Bil-ħsieb ta' koerenza fil-politika għall-iżvilupp, huwa importanti li linji politiċi tal-Komunità li m'humiex relatati ma l-iżvilupp jassistu l-isforzi tal-pajjiżi li qed jiżviluppaw fil-kisba ta' l-Għanijiet ta' Żvilupp tal-Millennju konformement ma' l-Artikolu 178 tat-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea.

(6) Huwa fundamentali ambjent politiku li jiggarantixxi l-paċi u l-istabbilità, ir-rispett tad-drittijiet tal-bniedem, il-libertajiet fundamentali, il-prinċipji demokratiċi, l-istat tad-dritt, it-tmexxija tajba u l-ugwaljanza bejn is-sessi għall-iżvilupp fit-tul.

(7) Linji politiċi ekonomiċi sodi u sostenibbli huma pre-rekwiżit għall-iżvilupp.

(8) Il-membri ta' l-Organizzazzjoni Dinjija tal-Kummerċ (WTO) impenjaw rwieħhom fir-Raba' Konferenza Ministerjali f'Doha li jintegraw il-kummerċ fl-istrateġiji ta' żvilupp u li jipprovdu assistenza teknika relatata mal-kummerċ u ta' bini tal-kapaċità kif ukoll il-miżuri meħtieġa li jfittxu li jiffaċilitaw it-trasferiment ta' teknoloġija permezz u għall-kummerċ, li jsaħħu r-relazzjoni bejn l-investiment dirett barrani u l-kummerċ, u l-interrelazzjoni reċiproka tal-kummerċ u l-ambjent, u li jgħinu lill-pajjiżi li qed jiżviluppaw sabiex jieħdu sehem f'negozjati ġodda tal-kummerċ u jimplimentaw ir-riżultati tagħhom.

([1]) Opinjoni tal-Parlament Ewropew tat-18 ta' Mejju 2006 (għadha mhijiex pubblikata fil-Ġurnal Uffiċjali), Pożizzjoni Komuni tal-Kunsill tat-23 ta' Ottubru 2006(għadha mhijiex pubblikata fil-Ġurnal Uffiċjali) u Pożizzjoni tal-Parlament Ewropew tat-12 ta' Ottubru 2006 (għadha mhijiex pubblikata fil-Ġurnal Uffiċjali
([2]) ĠU L 210, 31.7.2006, p. 82.
([3]) ĠU L 310, 9.11.2006, p. 1.
([4]) ĠU L 405, 30.12.2006, p. 40.
([5]) ĠU L 327, 24.11.2006, p. 1.
(*) Dan ir-Regolament ser jiġi adottat aktar tard.
([6]) ĠU L 386, 29.12.2006, p. 1.
([7]) ĠU L 163, 2.7.1996, p. 1.

(9) Id-Dikjarazzjoni Konġunta mill-Kunsill u r-Rappreżentanti tal-Gvernijiet ta' l-Istati Membri li ltaqgħu fi ħdan il-Kunsill, il-Parlament Ewropew u l-Kummissjoni dwar il-Politika ta' Żvilupp ta' l-Unjoni Ewropea: "Il-Kunsens Ewropew" ([1]), ta' l-20 ta' Diċembru 2005, bi kwalunkwe modifika sussegwentement magħmula lilha, tipprovdi l-qafas ġenerali għal azzjoni mill-Komunità dwar kwistjonijiet ta' żvilupp. Hija għandha tidderiġi l-ippjanar u l-implimentazzjoni ta' l-istrateġiji dwar l-assistenza għall-iżvilupp u l-koperazzjoni.

(10) Il-koperazzjoni għall-iżvilupp għandha tiġi implimentata permezz tal-programmi ġeografiċi u tematiċi. Il-programmi ġeografiċi għandhom jappoġġaw l-iżvilupp ta', u jsaħħu l-koperazzjoni ma', pajjiżi u reġjuni fl-Amerika Latina, l-Asja, l-Asja Ċentrali, il-Lvant Nofsani u l-Afrika t'Isfel.

(11) Il-Komunità u l-Istati Membri tagħha laħqu ftehim ta' sħubija u koperazzjoni ma' wħud minn dawn il-pajjiżi u r-reġjuni msieħba bil-għan li jingħata kontribut sinjifikattiv għall-iżvilupp fit-tul tal-pajjiżi msieħba u għall-ġid tal-popli tagħhom. L-elementi essenzjali li fuqhom huma bbażati l-ftehim ta' sħubija u koperazzjoni huma l-valuri komuni u universali tar-rispett u l-promozzjoni tad-drittijiet tal-bniedem, il-libertajiet fundamentali, il-prinċipji demokratiċi u l-istat tad-dritt. F'dan il-kuntest, għandha tingħata attenzjoni wkoll lid-dritt għal xogħol deċenti u lid-drittijiet ta' persuni b'diżabbiltà. It-tfittxija u l-approfondiment ta' relazzjonijiet bilaterali bejn il-Komunità u l-pajjiżi msieħba u l-konsolidazzjoni ta' istituzzjonijiet multilaterali huma fattur importanti sabiex isir kontribut sinifikattiv għall-ekwilibriju u l-iżvilupp ta' l-ekonomija dinjija, kif ukoll għat-tisħiħ tar-rwol u tal-post ta' l-Unjoni Ewropea u l-pajjiżi u r-reġjuni msieħba fid-dinja.

(12) Filwaqt li l-programmi tematiċi għandhom primarjament jappoġġaw pajjiżi li qed jiżviluppaw, żewġ pajjiżi benefiċjarji kif ukoll pajjiżi u territorji barranin (PTB), li l-karatteristiċi tagħhom ma jissodisfawx il-kriterji sabiex jiġu definiti bħala reċipjenti ta' ta' l-Assistenza Uffiċjali għall-Iżvilupp (ODA) mill-Kumitat ta' l-Assistenza għall-Iżvilupp ta' Organizzazzjoni għall-Koperazzjoni Ekonomika u Żvilupp (OECD/DAC) u li huma koperti mill-ewwel inċiż tattieni subparagrafu ta' l-Artikolu 2(4), għandhom ukoll ikunu eliġibbli għal programmi tematiċi taħt il-kondizzjonijiet stabbiliti f'dan ir-Regolament. Il-Komunità għandha tiffinanzja programmi tematiċi f'pajjiżi, territorji u reġjuni eliġibbli għal assistenza taħt programm ġeografiku previst taħt dan ir-Regolament, għal assistenza taħt ir-Regolament Nru 1638/2006 jew għal koperazzjoni ġeografika skond il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp (FEŻ). Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2001/822/KE tas-27 ta' Novembru 2001 dwar l-assoċjazzjoni tal-pajjiżi u t-territorji lil hinn mill-baħar mal-Komunità Ewropea ("Deċiżjoni dwar Assoċjazzjoni lil hinn mill-baħar") ([2]), li hi applikabbli sal-31 ta' Diċembru 2011, tistabbilixxi l-kondizzjonijiet għall-eliġġibiltà tal-PTB għall-attivitajiet tematiċi ta' assistenza għall-iżvilupp iffinanzjati mill-baġit ġenerali ta' l-Unjoni Ewropea, li mhumiex mibdula minn dan ir-Regolament.

(13) Il-programmi tematiċi għandhom jipprovdu valur miżjud distint u jikkomplementaw programmi ta' natura ġeografika, li jikkostitwixxu l-qafas ewlieni għall-koperazzjoni Komunitarja ma' pajjiżi terzi. Koperazzjoni għall-iżvilupp implimentat permezz ta' programmi tematiċi għandha tkun sussidjarja għal programmi ġeografiċi stabbiliti f'dan ir-Regolament u fir-Regolament Nru 1638/2006 u għall-koperazzjoni taħt il-FEŻ. Il-programmi tematiċi jinkludu qasam speċifiku ta' attività ta' interess għal grupp ta' pajjiżi msieħba mhux determinati fuq bażi ġeografika, jew attivitajiet ta' koperazzjoni li jindirizzaw varji reġjuni jew gruppi ta' pajjiżi msieħba, jew operazzjoni internazzjonali li mhix ġeografikament speċifika. Dawn għandhom ukoll rwol importanti fl-iżvilupp ta' linji politiċi Komunitarji esternament u fl-iżgurar ta' konsistenza u viżibbiltà settorali.

(14) Il-programmi tematiċi għandhom jappoġġaw azzjonijiet fl-oqsma ta' l-iżvilupp uman u soċjali, l-ambjent u l-ġestjoni sostenibbli tar-riżorsi naturali; inkluża l-enerġija, atturi mhux Statali u awtoritajiet lokali, is-sigurtà ta' l-ikel u l-migrazzjoni u l-asil. Il-kontenut tal-programmi tematiċi ġie mħejji abbażi tal-komunikazzjonijiet korrispondenti mill-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill.

(15) Il-programm tematiku dwar l-ambjent u l-ġestjoni sostenibbli tar-riżorsi naturali, inkluża l-enerġija, għandu, inter alia, jippromwovi tmexxija ambjentali internazzjonali u l-politika tal-Komunità dwar l-ambjent u l-enerġija barra mill-Komunità.

(16) Il-programm tematiku dwar il-migrazzjoni u l-asil għandu jikkontribwixxi għat-twettiq ta' l-objettiv stabbilit fil-konklużjonijiet tal-Presidenza tal-Kunsill Ewropew ta' Brussel tal-15 u s-16 ta' Diċembru 2005, jiġifieri li tiġi intensifikata l-assistenza finanzjarja Komunitarja f'oqsma kkonċernati jew relatati mal-migrazzjoni fir-rigward tar-relazzjonijiet tagħha ma' pajjiżi terzi.

(17) Il-politika Komunitarja dwar is-sigurtà ta' l-ikel evolviet lejn appoġġ għal strateġiji dwar is-sigurtà ta' l-ikel b'bażi wiesgħa fuq livelli nazzjonali, reġjonali u globali, b'limitazzjoni ta' l-użu ta' l-għajnuna alimentari għal sitwazzjonijiet umantarji u għal kriżijiet alimentari u bl-evitar ta' effetti li jfixklu l-produzzjoni u s-swieq lokali, u teħtieġ li tieħu kont tas-sitwazzjoni speċifika ta' pajjiżi strutturalment dgħajfa u li jiddipendu ħafna fuq appoġġ għas-sigurtà ta' l-ikel, sabiex jiġi evitat tnaqqis qawwi ta' l-assistenza Komunitarja għal dawn il-pajjiżi.

([1]) ĠU C 46 ta' l-24.2.2006, p. 1.
([2]) ĠU L 314, 30.11.2001, p. 1.

(18) Konformement mal-Konklużjonijiet tal-Kunsill ta' l-24 ta' Mejju 2005 għandhom ikunu appoġġati azzjonijiet sabiex jittejbu s-saħħa riproduttiva u sesswali fil-pajjiżi li qed jiżviluppaw u jiġi żgurat ir-rispett għad-drittijiet relatati magħhom. Għandhom jiġu pprovduti assistenza finanzjarja u konsulenza esperta xierqa bil-ħsieb li jiġi promoss approċċ olistiku lejn is-saħħa riproduttiva u sesswali u d-drittijiet relatati kif definiti fil-Programm ta' Azzjoni tal-Konferenza Internazzjonali dwar il-Popolazzjoni u l-Iżvilupp (ICPD), u l-għarfien tagħhom, inkluża maternità sigura u aċċess universali għal firxa komprensiva ta' kura u servizzi tas-saħħa riproduttiva u sesswali li jkunu siguri u affidabbli. Meta jiġu implimentati miżuri ta' koperazzjoni, d-deċiżjonijiet adottati fl-ICPD għandhom jiġu osservati b'mod rigoruż fejn hu rilevanti.

(19) B'segwitu għar-Regolament (KE) Nru 266/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Frar 2006 li jistabbilixxi miżuri ta' akkumpannjament għall-pajjiżi tal-Protokoll dwar iz-Zokkor milquta mir-riforma tar-reġim ta' l-UE taz-zokkor ([1]), għandha tingħata wkoll assistenza lill-pajjiżi tal-Protokoll dwar iz-Zokkor ta' l-AKP milquta mir-riforma ta' l-Organizzazzjoni tas-Suq Komuni għaz-zokkor u din l-assistenza għandha timmira sabiex tappoġġa l-proċess ta' aġġustament tagħhom.

(20) Fl-implimentazzjoni tal-politika Komunitarja għall-iżvilupp, huma essenzjali għajnuna aktar effettiva, komplementarjetà akbar u armonizzazzjoni aħjar, allinjament u koordinazzjoni tal-proċeduri, kemm bejn l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha u f'relazzjonijiet ma' donaturi u atturi fl-iżvilupp oħra, sabiex tiġi żgurata l-konsistenza u r-rilevanza ta' l-għajnuna filwaqt li fl-istess ħin jitnaqqsu l-ispejjeż imħallsa mill-pajjiżi msieħba kif approvat fid-Dikjarazzjoni dwar l-Effikaċja ta' l-Għajnuna adottata mill-Forum ta' Livell Għoli dwar dwar l-Effikaċja ta' l-Għajnuna, li sar f'Pariġi, fit-2 ta' Marzu 2005.

(21) Sabiex jinkisbu l-objettivi ta' dan ir-Regolament huwa meħtieġ li jiġi segwit approċċ differenzjat skond il-kuntesti u l-ħtiġijiet ta' żvilupp, b'appoġġ għal pajjiżi jew reġjuni msieħba bi programmi speċifiċi, mfassla speċifikament, ibbażati fuq il-ħtiġijiet, l-istrateġiji, il-prijoritajiet u l-assi tagħhom.

(22) Il-pussess ta' l-istrateġiji ta' żvilupp għall-pajjiżi msieħba hu essenzjali sabiex il-politika ta' żvilupp tkun ta' suċċess u, għal dan il-għan, l-akbar involviment possibbli tas-setturi kollha tas-soċjetà, inklużi l-persuni b'diżabbiltà u gruppi vulnerabbli oħra, għandha tiġi inkoraġġuta. Bil-ħsieb li jiġu żgurati effiċjenza u trasparenza u jiġu inkoraġġuti l-pajjiżi sabiex jieħdu pusess, l-istrateġiji ta' koperazzjoni tad-donaturi u l-proċeduri implimentattivi għandhom, fejn possibbli, ikunu allinjati ma' dawk tal-pajjiżi msieħba.

(23) B'kont meħud tal-ħtieġa li jiġi żgurat kollegament effettiv bejn għajnuna umanitarja u assistenza għall-iżvilupp fit-tul, m'għandhomx, bħala prinċipju, jiġu ffinanzjati taħt dan ir-Regolament miżuri eliġibbli għal finanzjament taħt ir-Regolament tal-Kunsill (KE) 1717/2006 ħlief fejn hemm ħtieġa li tiġi żgurata l-kontinwità tal-koperazzjoni minn kriżi għal kondizzjonijiet stabbli għall-iżvilupp.

(24) L-attivazzjoni ta' l-għajnuna konformement ma' l-aħjar prattika ta' l-OECD/DAC huwa fattur ewlieni fiż-żieda tal-valur lill-għajnuna u fil-bini tal-kapaċità lokali. Għandhom jiġu stabbiliti regoli dwar il-parteċipazzjoni f'offerti u kuntratti ta' sussidju, kif ukoll regoli dwar l-oriġini tal-fornimenti skond l-aktar żviluppi reċenti dwar ir-rilaxx ta' l-għajnuna.

(25) L-assistenza għandha titmexxa skond ir-regoli għal għajnuna esterna li jinsabu fir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 tal-25 ta' Ġunju 2002 rigward ir-Regolament Finanzjarju applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Komunitajiet Ewropej ([2]), b'dispożizzjonijiet debiti mmirati lejn il-protezzjoni ta' l-interessi finanzjarji tal-Komunità. Għandhom isiru sforzi kontinwati għat-titjib fl-implimentazzjoni tal-koperazzjoni għall-iżvilupp sabiex jinkiseb bilanċ stabbli bejn riżorsi finanzjarji allokati u kapaċità ta' assorbiment, kif ukoll sabiex jitnaqqsu l-impenji li għadhom iridu jiġu mwettqa.

(26) Dan ir-Regolament jistabbilixxi pakkett finanzjarju għall-perjodu 2007-2013 li jikkostitwixxi r-referenza prinċipali għall-awtorità tal-baġit, fis-sens tal-Punt 37 tal-Ftehim Interistituzzjonali tas-17 ta' Mejju 2006 bejn il-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni dwar l-amministrazzjoni finanzjarja tajba ([3]).

(27) Il-miżuri neċessarji għall-implimentazzjoni ta' dan ir-Regolament għandhom jiġu adottati skond id-Deċiżjoni tal-Kunsill 1999/468/KE tat-28 ta' Ġunju 1999 li tipprovdi l-proċeduri għall-eżerċizzju tas-setgħat ta' implimentazzjoni konferiti fuq il-Kummissjoni ([4]). Id-dokumenti ta' programmazzjoni u xi miżuri speċifiċi ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati skond il-proċedura tal-kumitat ta' ġestjoni.

([1]) ĠU L 50, 21.2.2006, p. 1.

([2]) ĠU L 248, 16.9.2002, p. 1.

([3]) ĠU C 139, 14.6.2006, p. 1.

([4]) ĠU L 184, 17.7.1999, p. 23. Deċiżjoni kif emendata mid-Deċiżjoni 2006/512/KE (ĠU L 200, 22.7.2006, p. 11).

(28) Ladarba l-għanijiet ta' dan ir-Regolament, jiġifieri l-koperazzjoni proposta ma' pajjiżi, territorji u reġjuni li qed jiżviluppaw li mhumiex Stati Membri Komunitarji u mhumiex eliġibbli għal għajnuna Komunitarja taħt ir-Regolament (KE) Nru 1085/2006 (IPA) jew ir-Regolament Nru 1638/2006, ma jistgħux jinkisbu suffiċjentement mill-Istati Membri u jistgħu, għaldaqstant, minħabba fl-iskala ta' l-azzjoni, jinkisbu aħjar fil-livell Komunitarju, il-Komunità tista' tadotta miżuri, skond il-prinċipju ta' sussidjarjetà kif stabbilit fl-Artikolu 5 tat-Trattat. Skond il-prinċipju ta' proporzjonalità, kif stabbilit f'dak l-Artikolu, dan ir-Regolament ma jmurx lil hinn minn dak li huwa meħtieġ sabiex jinkisbu dawk l-għanijiet.

(29) Dan ir-Regolament jagħmel meħtieġ it-tħassir tas-sett attwali ta' Regolamenti, fid-dawl tar-ristrutturazzjoni ta' l-istrumenti ta' l-azzjoni esterna, b'mod partikolari fil-qasam tal-koperazzjoni għall-iżvilupp,

ADOTTAW DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1*

**L-għan ġenerali u l-kamp ta' applikazzjoni**

1. Il-Komunità għandha tiffinanzja miżuri mmirati bhala appoġġ għall-koperazzjoni ma' pajjiżi, territorji u reġjuni li qed jiżviluppaw inklużi fil-lista ta' riċevituri ta' għajnuna tal-Kumitat ta' l-Assistenza għall-Iżvilupp ta' l-Organizzazzjoni għall-Koperazzjoni u l-Iviluppment Ekonomiċi (OECD/DAC), u stabbiliti fl-Anness I (minn hawn 'il quddiem imsejħa “pajjiżi u reġjuni msieħba”). Il-Kummissjoni għandha temenda l-Anness I skond reviżjonijiet regolari mill-OECD/DAC tal-listi tagħhom ta' riċevituri ta' għajnuna u tgħarraf lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill b'dan.

2. Il-Komunità għandha tiffinanzja programmi tematiċi f'pajjiżi, territorji u reġjuni eliġibbli għal assistenza taħt programm ġeografiku ta' dan ir-Regolament, stabbilit fl-Artikoli 5 sa 10, għal assistenza taħt ir-Regolament Nru 1638/2006 jew għal koperazzjoni ġeografika skond il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp (FEŻ).

3. Għall-finijiet ta' dan ir-Regolament, “reġjun” tfisser entità ġeografika li tinkludi aktar minn pajjiż wieħed li qed jiżviluppa.

TITOLU I

**OBJETTIVI U PRINĊIPJI ĠENERALI**

*Artikolu 2*

**Objettivi**

1. L-objettiv primarju u ewlieni tal-koperazzjoni taħt dan ir-Regolament għandu jkun l-eliminazzjoni tal-faqar fil-pajjiżi u r-reġjuni msieħba fil-kuntest ta' l-iżvilupp sostenibbli, inklużi miżuri għat-twettiq ta' l-Għanijiet ta' Żvilupp tal-Millennju, kif ukoll il-promozzjoni tad-demokrazija, it-tmexxija tajba u r-rispett għad-drittijiet tal-bniedem u għall-istat tad-dritt. B'mod konsistenti ma' dan l-objettiv, il-koperazzjoni ma' pajjiżi u reġjuni msieħba għandha:

— tikkonsolida u tappoġġa d-demokrazija, l-istat tad-dritt, id-drittijiet tal-bniedem u l-libertajiet fundamentali, it-tmexxija tajba, l-ugwaljanza bejn is-sessi u strumenti relatati tad-dritt internazzjonali;

— trawwem l-iżvilupp sostenibbli — inklużi aspetti politiċi, ekonomiċi, soċjali u ambjentali — ta' pajjiżi u reġjuni msieħba, u b'mod aktar partikolari dawk l-aktar żvantaġġati fosthom;

— tinkoraġġixxi l-integrazzjoni bla xkiel u gradwali tagħhom fl-ekonomija dinjija;

— tgħin sabiex jiġu żviluppati miżuri internazzjonali sabiex tiġi ppreservata u mtejba l-kwalità ta' l-ambjent u l-ġestjoni sostenibbli ta' riżorsi naturali globali, sabiex jiġi żgurat żvilupp sostenibbli, inklużi l-ġlieda kontra l-bidla fil-klima u t-telf tal-bijodiversità; u

— issaħħaħ ir-relazzjoni bejn il-Komunità u l-pajjiżi u r-reġuni msieħba.

2. Il-koperazzjoni Komunitarja taħt dan ir-Regolament għandha tikkonforma ma' l-impenji u l-objettivi fil-qasam tal-koperazzjoni għall-iżvilupp li l-Komunità approvat fil-kuntest tan-Nazzjonijiet Uniti (NU) u organizzazzjonijiet internazzjonali kompetenti oħra fil-qasam tal-koperazzjoni għall-iżvilupp.

3. Il-politika Komunitarja dwar l-iżvilupp, kif stabbilit fit-Titolu XX tat-Trattat, għandha tipprovdi l-qafas legali għall-koperazzjoni ma' pajjiżi u reġjuni msieħba. Id-Dikjarazzjoni Konġunta fuq imsemmija dwar il-Politika ta' l-Unjoni Ewropea għall-Iżvilupp: “Il-Kunsens Ewropew” ta' l-20 ta' Diċembru 2005, u kwalunkwe modifika sussegwentement magħmula lilha, għandhom jipprovdu l-qafas ġenerali, l-orjentazzjonijiet u attenzjoni sabiex jiddiriġu l-implimentazzjoni tal-koperazzjoni Komunitarja ma' pajjiżi u reġjuni msieħba taħt dan ir-Regolament.

4. Miżuri msemmija fl-Artikolu 1(1) għandhom jitfasslu sabiex jissodisfaw il-kriterji ta' l-Assistenza Uffiċjali għall-Iżvilupp (ODA) stabbiliti mill-OECD/DAC.

Programmi msemmija fl-Artikolu 1(2) għandhom jitfasslu sabiex jissodisfaw il-kriterji ta' l-ODA stabbiliti mill-OECD/DAC, kemm-il darba:

— il-karatteristiċi tal-benefiċjarju ma jkunux jeħtieġu xort'oħra, jew

— il-programm jimplimenta inizjattiva globali, prijorità għall-politika komunitarja, jew obbligu jew impenn internazzjonali tal-Komunità, kif imsemmi fl-Artikolu 11(2), u l-miżura ma jkollhiex il-karatteristiċi sabiex tissodisfa tali kriterji.

Għall-inqas 90 % ta' l-ispejjeż previsti taħt programmi tematiċi għandhom ikunu mfassla sabiex jissodisfaw il-kriterji għall-ODA stabbiliti mill-OECD/DAC, mingħajr preġudizzju għall-Artikolu 2 (4), t-tieni subparagrafu, l-ewwel inċiż.

5. L-assistenza Komunitarja taħt dan ir-Regolament m'għandhiex tintuża sabiex jiġi ffinanzjat l-akkwist ta' armi jew munizzjon, u operazzjonijiet li jkollhom implikazzjonijiet militari jew ta' difiża.

6. Il-miżuri koperti bir-Regolament tal-Kunsill (KE) 1717/2006, u b'mod partikolari l-Artikolu 4 tiegħu, u eliġibbli għal finanzjament taħtu m'għandhomx, fit-teorija, jiġu ffinanzjati taħt dan ir-Regolament, ħlief fejn ikun hemm ħtieġa li tiġi żgurata l-kontinwità tal-koperazzjoni minn kondizzjonijiet ta' kriżi għal dawk stabbli għall-iżvilupp.

Mingħajr preġudizzju għall-ħtieġa li tiġi żgurata l-kontinwità tal-koperazzjoni minn kondizzjonijiet ta' kriżi għal dawk stabbli għall-iżvilupp, m'għandhomx jiġu ffinanzjati taħt dan ir-Regolament miżuri koperti minn, u eliġibbli għall-finanzjament taħt, ir-Regolament (KE) Nru 1257/96 tal-Kunsill ta' l-20 ta' Ġunju 1996 dwar l-għajnuna umanitarja.

*Artikolu 3*

**Prinċipji ġenerali**

1. Il-Komunità hija bbażata fuq il-valuri tad-demokrazija, l-istat tad-dritt, ir-rispett għad-drittijiet tal-bniedem u l-libertajiet fundamentali u tfittex li tiżviluppa u tikkonsolida l-impenn għal dawn il-valuri fil-pajjiżi u r-reġjuni msieħba permezz tad-djalogu u l-koperazzjoni.

2. Fl-implimentazzjoni ta' dan ir-Regolament, għandu jitfittex approċċ differenzjat li jiddipendi fuq kuntesti u ħtiġijiet ta' żvilupp sabiex pajjiżi jew reġjuni msieħba jkollhom koperazzjoni speċifika, mfassla speċifikament, ibbażata fuq il-ħtiġijiet, l-istrateġiji, il-prijoritajiet u l-assi tagħhom.

Il-pajjiżi l-inqas żviluppati u pajjiżi bi dħul baxx għandhom jingħataw prijorità f'termini ta' allokazzjoni ta' riżorsi ġenerali sabiex jiksbu l-Għanijiet ta' Żvilupp tal-Millennju. Għandha tingħata attenzjoni xierqa lill-appoġġ għal żvilupp favur il-foqra ta' pajjiżi bi dħul medju, b'mod partikolari l-pajjiżi bi dħul medju-baxx li ħafna minnhom qed jiffaċċjaw problemi simili għal dawk ta' pajjiżi bi dħul baxx.

3. L-integrazzjoni tal-kwistjonijiet trasversali li ġejjin għandha ssir fil-programmi kollha: il-promozzjoni tad-drittijiet tal-bniedem, l-ugwaljanza bejn is-sessi, id-demokrazija, it-tmexxija tajba, id-drittijiet tat-tfal u d-drittijiet tal-popli indiġeni, is-sostenibbiltà ambjentali u l-ġlieda kontra l-HIV/AIDS. Barra minn hekk, għandha tingħata attenzjoni partikolari għat-tisħiħ ta' l-istat tad-dritt, għat-titjib ta' l-aċċess għall-ġustizzja u għall-appoġġ għas-soċjetà ċivili, kif ukoll għall-promozzjoni tad-djalogu, tal-parteċipazzjoni u tar-rikonċiljazzjoni u għall-iżvilupp ta' l-istituzzjonijiet.

4. Il-Komunità għandha tqis l-objettivi stabbiliti fit-Titolu XX tat-Trattat u fl-Artikolu 2 ta' dan ir-Regolament, fil-linji politiċi kollha li x'aktarx jolqtu lill-pajjiżi u r-reġjuni msieħba. Għall-miżuri ffinanzjati taħt dan ir-Regolament, il-Komunità għandha wkoll timmira li tiżgura l-koerenza ma' oqsma oħra ta' l-azzjoni esterna tagħha. Dan għandu jiġi żgurat fil-formulazzjoni ta' politika, l-ippjanar strateġiku u l-programmazzjoni u l-implimentazzjoni ta' miżuri.

5. Il-Komunità u l-Istati Membri għandhom itejbu l-koordinazzjoni u l-komplementarjetà tal-politika tagħhom dwar koperazzjoni għall-iżvilupp billi jwieġbu għall-prijoritajiet tal-pajjiżi u r-reġjuni msieħba fuq livell ta' pajjiż u dak reġjonali. Il-politika Komunitarja fil-qasam tal-koperazzjoni għall-iżvilupp għandha tikkomplementa l-linji politiċi segwiti mill-Istati Membri.

6. Il-Kummissjoni u l-Istati Membri għandhom ifittxu skambji regolari u frekwenti ta' informazzjoni, anke ma' donaturi oħra u jippromwovu koordinazzjoni u komplementarjetà aħjar billi jaħdmu lejn programmazzjoni pluriennali konġunta, ibbażata fuq l-istrateġiji tat-tnaqqis tal-faqar jew strateġiji ekwivalenti tal-pajjiżi msieħba u fuq il-proċessi baġitarji tal-pajjiżi msieħba, permezz ta' mekkaniżmi ta' implimentazzjoni komuni inkluż analiżi kondiviżi, permezz ta' missjonijiet konġunti fil-livell tad-donaturi, u permezz ta' l-użu ta' arranġamenti ta' ko-finanzjament.

7. Fl-oqsma rispettivi ta' kompetenza tagħhom, il-Komunità u l-Istati Membri għandhom jippromwovu approċċ multilaterali għal sfidi globali u jrawmu l-koperazzjoni ma' organizzazzjonijiet u korpi multilaterali u reġjonali bħal istituzzjonijiet finanzjarji internazzjonali, l-aġenziji, il-fondi u l-programmi tan-NU u donaturi bilaterali oħra.

8. Il-Komunità għandha tippromwovi koperazzjoni effettiva ma' pajjiżi u reġjuni msieħba konformement ma' l-aħjar prattika internazzjonali. Hija għandha tippromwovi:

(a) proċess ta' żvilupp immexxi mill-pajjiż imsieħeb u appartenenti lilu. Il-Komunità għandha tallinja dejjem aktar l-appoġġ tagħha ma' l-istrateġiji għall-iżvilupp, il-linji politiċi u l-proċeduri ta' riforma nazzjonali ta' l-imsieħba. Il-Komunità għandha tikkontribwixxi sabiex issaħħaħ il-proċess ta' responsabbiltà reċiproka bejn il-gvernijiet imsieħba u d-donaturi u tippromwovi l-kompetenza lokali u l-impjiegi lokali;

(b) approċċi inklussivi u parteċipatorji għall-iżvilupp u involviment wiesa' tas-segmenti kollha tas-soċjetà fil-proċess ta' żvilupp u fid-djalogu nazzjonali, inkluż id-djalogu politiku;

(ċ) modalitajiet u strumenti ta' koperazzjoni effettivi kif stabbiliti fl-Artikolu 25 konformement ma' l-aħjar prattika ta' l-OECD/DAC, adattati għaċ-ċirkostanzi partikolari ta' kull pajjiż jew reġjun imsieħeb, b'attenzjoni għall-approċċi bbażati fuq programmi, it-twassil ta' fondi għall-għajnuna prevedibbli, l-iżvilupp u l-użu ta' sistemi ta' pajjiżi u fuq approċċi għall-iżvilupp ibbażati fuq riżultati inklużi, fejn hu xieraq, miri u indikaturi ta' l-Għanijiet ta' Żvilupp tal-Millennju;

(d) impatt imtejjeb ta' linji politiċi u programmazzjoni permezz ta' koordinazzjoni u armonizzazzjoni bejn donaturi sabiex jitnaqqsu s-sovrapożizzjoni u d-duplikazzjoni, tittejjeb il-komplementarjetà u jiġu appoġġati inizjattivi fuq livell ta' donaturi. Il-koordinazzjoni għandha sseħħ f'pajjiżi u reġjuni msieħba bl-użu ta' linji gwida u prinċipji ta' l-aħjar prattika dwar l-effikaċja tal-koordinazzjoni u l-għajnuna;

(e) profil fid-dawl ta' l-Għanijiet ta' Żvilupp tal-Millennju fid-Dokumenti ta' Strateġija tal-Pajjiżi u fil-programmi pluriennali tagħha.

9. Il-Kummissjoni għandha tgħarraf u jkollha skambji ta' fehmiet regolari mal-Parlament Ewropew.

10. Il-Kummissjoni għandha tfittex li jkollha skambji ta' informazzjoni regolari mas-soċjetà ċivili.

TITOLU II

## PROGRAMMI ĠEOGRAFIĊI U TEMATIĊI

*Artikolu 4*

### L-implimentazzjoni ta' l-assistenza Komunitarja

B'mod konsistenti ma' l-għan globali u l-kamp ta' applikazzjoni, ma' l-objettivi u l-prinċipji ġenerali ta' dan ir-Regolament, l-assistenza Konumitarja għandha tiġi implimentata permezz ta' programmi ġeografiċi u tematiċi disposti fl-Artikoli 5 sa 16 u l-programm dispost fl-Artikolu 17.

*Artikolu 5*

### Programmi ġeografiċi

1. Programm ġeografiku għandu jinkludi koperazzjoni f'oqsma adegwati ta' attività mal-pajjiżi u r-reġjuni msieħba determinati fuq bażi ġeografika.

2. B'mod konsistenti ma' l-għan globali u l-kamp ta' applikazzjoni, ma' l-objettivi u l-prinċipji ġenerali ta' dan ir-Regolament, l-assistenza Komunitarja għall-pajjiżi ta' l-Amerika Latina, ta' l-Asja, ta' l-Asja Ċentrali, u tal-Lvant Nofsani kif stabbiliti fl-Anness I, kif ukoll għall-Afrika t'Isfel, għandha tinkludi azzjonijiet fi ħdan l-oqsma ta' koperazzjoni li ġejjin:

(a) appoġġ għall-implimentazzjoni ta' linji politiċi mmirati lejn l-eliminazzjoni tal-faqar u lejn il-kisba ta' l-Għanijiet ta' Żvilupp tal-Millennju;

Żvilupp uman

(b) li jindirizza l-ħtiġijiet essenzjali tal-popolazzjoni b'attenzjoni prinċipali għall-edukazzjoni primarja u s-saħħa, b'mod partikolari billi:

Saħħa:

(i) jiżdiedu l-aċċess għal, u l-għoti ta', servizzi tas-saħħa għall-gruppi ta' popolazzjoni bi dħul baxx u gruppi marġinalizzati, inklużi nisa u tfal, persuni li jagħmlu parti minn gruppi suġġetti għal diskriminazzjoni etnika, reliġjuża jew kwalunkwe diskriminazzjoni oħra u persuni b'diżabbiltà, b'attenzjoni ċentrali fuq l-Għanijiet ta' Żvilupp tal-Millennju relatati, jiġifieri li jitnaqqsu l-imwiet tat-tfal, titjieb is-saħħa ta' l-ommijiet u ta-tfal u s-saħħa sesswali u riproduttiva u drittijiet kif stabbiliti fl-Aġenda tal-Kajr tal-Konferenza Internazzjonali dwar il-Popolazzjoni u l-Iżvilupp (ICPD), jiġu indirizzati l-mard ikkaġunat mill-faqar, b'mod partikolari l-HIV/AIDS, it-tuberkulosi u l-malarja;

(ii) jissaħħu s-sistemi tas-saħħa sabiex jiġu evitati kriżijiet ta' riżorsi umani fis-settur tas-saħħa;

(iii) jiġu żviluppati l-kapaċitajiet partikolarment f'oqsma bħal dawk tas-saħħa pubblika, tar-riċerka u żvilupp;

Edukazzjoni

(iv) tingħata prijorità fl-edukazzjoni primarja sabiex tinkiseb edukazzjoni primarja ta' kwalità segwita b'taħriġ vokazzjonali u sabiex jitnaqqsu l-inugwaljanzi f'termini ta' aċċess għall-edukazzjoni; tiġi promossa edukazzjoni obbligatorja u b'xejn sa l-età ta' 15-il sena sabiex jiġu miġġielda il-forom kollha ta' xogħol tat-tfal;

(v) tiġi mmirata l-kisba ta' edukazzjoni primarja universali sa l-2015, u li jiġi eliminat in-nuqqas ta' ugwaljanza bejn is-sessi fl-edukazzjoni;

(vi) jiġu promossi t-taħriġ vokazzjonali, l-edukazzjoni superjuri, it-tagħlim tul il-ħajja, il-koperazzjoni kulturali, xjentifika u teknoloġika, skambji akkademiċi u kulturali kif ukoll jissaħħaħ l-għarfien reċiproku bejn il-pajjiżi u r-reġjuni msieħba u l-Komunità;

Koeżjoni soċjali u mpjiegi

(ċ) tiġi promossa l-koeżjoni soċjali bħala politika ta' prijorità tar-relazzjonijiet bejn il-Komunità u l-pajjiżi msieħba, b'attenzjoni fuq xogħol deċenti u fuq linji politiċi soċjali u fiskali, sabiex b'hekk jiġu miġġielda l-faqar, in-nuqqas ta' ugwaljanza, il-qgħad u l-esklużjoni ta' gruppi vulnerabbli u marġinalizzati;

(d) tiġi miġġielda kull forma ta' diskriminazzjoni bbażata fuq xi raggruppament u jiġu promossi u protetti l-ugwaljanza bejn is-sessi, id-drittijiet tal-popli indiġeni u d-drittijiet tat-tfal, inklużi l-għoti ta' appoġġ għall-implimentazzjoni tal-Konvenzjoni tan-NU dwar id-Drittijiet tat-Tfal, u azzjonijiet li jindirizzaw il-problemi li jiffaċċaw tfal tat-toroq u tfal li jidħlu għal tipi ta' xogħol li jkunu perikolużi u/jew li jfixklu l-edukazzjoni full-time;

(e) jissaħħaħ il-qafas istituzzjonali sabiex jiġi promoss u ffaċilitat il-ħolqien ta' impriżi żgħar u ta' daqs medju bil-ħsieb li jiġi stimulat il-ħolqien tax-xogħol

Tmexxija, demokrazija, drittijiet tal-bniedem u appoġġ għal riformi istituzzjonali

(f) jiġu promossi u protetti l-libertajiet fundamentali u d-drittijiet tal-bniedem, it-tisħiħ tad-demokrazija, ta' l-istat tad-dritt, ta' l-aċċess għall-ġustizzja għat-tmexxija tajba inklużi azzjonijiet sabiex tiġi miġġielda l-korruzzjoni, li jistgħu jinkludu, iżda ma jkunux limitati minnhom, l-iżvilupp ta' kapaċitajiet u tat-tisħiħ tal-qafas istituzzjonali u leġiżlattiv, b'mod partikolari fl-oqsma ta' l-amministrazzjoni, tfassil u implimentazzjoni nazzjonali ta' linji politiċi u ta' l-amministrazzjoni ta' finanzi pubbliċi u riżorsi nazzjonali b'mod trasparenti;

(g) tkun appoġġata soċjetà ċivili attiva, inklużi organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili li jirrappreżentaw lin-nies li jgħixu fil-faqar, kif ukoll jiġu promossi d-djalogu ċivili, il-parteċipazzjoni u r-rikonċiljazzjoni, u l-iżvilupp ta' istituzzjonijiet;

(h) jittrawmu l-koperazzjoni u r-riforma tal-politika fl-oqsma tas-sigurtà u l-ġustizzja, speċjalment fir-rigward ta' l-asil u l-migrazzjoni, tal-ġlieda kontra d-droga u ta' traffikar ieħor inkluż it-traffikar ta' bnedmin, tal-korruzzjoni u tal-*money laundering*;

(i) jittrawmu l-koperazzjoni u r-riforma tal-politika fl-oqsma tal-migrazzjoni u l-asil mal-pajjiżi msieħba u jiġu promossi inizjattivi ta' żvilupp ta' kapaċitajiet sabiex jiġu żgurati l-formulazzjoni u l-implimentazzjoni ta' politika dwar il-migrazzjoni favur l-iżvilupp sabiex jiġu indirizzati l-kawżi bażiċi tal-migrazzjoni;

(j) jingħata appoġġ lill-multilateraliżmu effettiv, b'mod partikolari permezz ta' l-osservanza u l-implimentazzjoni effettiva tad-dritt internazzjonali u ftehim multilaterali relevanti għall-qasam ta' l-iżvilupp;

Integrazzjoni fil-kummerċ u reġjonali

(k) tingħata assistenza lill-pajjiżi u r-reġjuni msieħba fl-integrazzjoni tal-kummerċ, ta' l-investimenti u fl-integrazzjoni reġjonali inklużi assistenza teknika u żvilupp ta' kapaċitajiet għat-tfassil u l-implimentazzjoni ta' linji politiċi kummerċjali sodi, li jiffavorixxu ambjent li jwassal għal aktar negozju, linji politiċi ekonomiċi u finanzjarji sodi u żvilupp tas-settur privat, bil-ħsieb li l-pajjiżi u r-reġjuni msieħba jibbenefikaw mill-integrazzjoni tagħhom fl-ekonomija dinjija u li tiġi appoġġata l-ġustizzja soċjali u t-tkabbir favur il-foqra;

(l) jingħata appoġġ għall-adeżjoni għall-Organizzazzjoni Dinjija tal-Kummerċ (WTO) u għall-implimentazzjoni tal-ftehim tad-WTO permezz ta' assistenza teknika u bini ta' kapaċità, b'mod partikolari l-implimentazzjoni tal-Ftehim dwar l-Aspetti Relatati mal-Kummerċ tal-Proprjetà Intellettwali (il-Ftehim TRIPS), notevolament fil-qasam tas-saħħa pubblika;

(m) jingħata appoġġ għall-koperazzjoni ekonomika u kummerċjali u jissaħħu r-relazzjonijiet ta' l-investiment bejn il-Komunità u pajjiżi u reġjuni msieħba, anke permezz ta' azzjonijiet sabiex jiġi promoss u żgurat li atturi privati, inklużi negozji lokali u Ewropej, jikkontribwixxu għall-iżvilupp ekonomiku li jkun soċjalment responsabbli u sostenibbli, anke għar-rispett ta' l-i*standards* ewlenin tax-xogħol ta' l-Organizzazzjoni Internazzjonali tax-Xogħol (ILO) u anke permezz ta' azzjonijiet li jippromwovu l-iżvilupp lokali tal-kapaċitajiet;

L-ambjent u l-iżvilupp sostenibbli tar-riżorsi naturali

(n) ikunu promossi l-iżvilupp sostenibbli permezz tal-protezzjoni ta' l-ambjent u l-ġestjoni sostenibbli tar-riżorsi naturali, inkluża l-protezzjoni tal-bijodiversità, u tal-foresti, inklużi attivitajiet għall-konservazzjoni u l-ġestjoni sostenibbli tal-foresti bil-parteċipazzjoni attiva ta' komunitajiet lokali u ta' popli li jiddipendu mill-foresti;

(o) jingħata appoġġ għal titjib fl-ambjent urban;

(p) jiġu promossi xejriet sostenibbli ta' produzzjoni u ta' konsum u l-immaniġġar sigur u sostenibbli ta' sustanzi kimiċi u ta' skart, b'kont meħud ta' l-impatti tagħhom fuq is-saħħa;

(q) ikun żgurat ir-rispett u l-appoġġ għall-implimentazzjoni ta' ftehim ambjentali internazzjonali bħall-Konvenzjoni dwar id-Diversità Bijoloġika, il-Konvenzjoni tan-NU għal Azzjoni Kontra d-Deżertifikazzjoni u l-Konvenzjoni Kwadru tan-NU dwar il-Bidla fil-Klima konformement mal-Pjan ta' Azzjoni ta' l-UE dwar il-Bidla fil-Klima, u tal-protokolli tagħhom u kull modifika sussegwenti tagħhom;

(r) jiġu żviluppati kapaċitajiet ta' tħejjija għal emerġenzi u prevenzjoni ta' diżastri naturali;

Ilma u enerġija

(s) jingħata appoġġ għall-ġestjoni integrata u sostenibbli tar-riżors ta' l-ilma, b'enfasi partikolari fuq l-aċċess universali għall-ilma tax-xorb sigur u s-sanità konformement ma' l-Għanijiet ta' Żvilupp tal-Millennju u l-użu sostenibbli u effiċjenti tar-riżorsi ta' l-ilma, anke għal finijiet agrikoli u industrijali;

(t) jittrawwem użu akbar ta' teknoloġiji ta' l-enerġija sostenibbli;

Infrastruttura, komunikazzjoni u trasport:

(u) issir kontribuzzjoni għall-iżvilupp ta' infrastruttura ekonomika, inkluż l-appoġġ għall-integrazzjoni reġjonali, u jiġi promozzjoni l-użu akbar ta' teknoloġiji ta' l-informazzjoni u l-komunikazzjoni;

Żvilupp rurali, ippjanar territorjali, sigurtà fl-agrikoltura u l-ikel

(v) jingħata appoġġ għall-iżvilupp rurali sostenibbli, inklużi d-deċentralizzazzjoni u l-għoti ta' setgħat, b'mod partikolari bil-ħsieb li tiġi żgurata s-sigurtà alimentari.

Sitwazzjonijiet ta' wara l-kriżi u Stati fraġli:

(w) jiġu rikostruwiti u r-rijabilitati, għall-perjodu medju u fit-tul, reġjuni u pajjiżi milquta minn konflitti, diżastri magħmula mill-bniedem u diżastri naturali, anke jingħata appoġġ għal azzjoni kontra l-mini, demobilizzazzjoni u azzjonijiet ta' integrazzjoni mill-ġdid, filwaqt li tiġi żgurata kontinwazzjoni bejn għajnuna, rijabilitazzjoni u żvilupp skond l-Artikolu 2(6), b'kont meħud tal-kompetenzi tal-Komunità u ta' l-Istati Membri tagħha;

(x) jitwettqu attivitajiet għall-perjodu medju u fit-tul immirati għall-awto-suffiċjenza u l-integrazzjoni jew l-integrazzjoni mill-ġdid ta' persuni maqlugħa minn pajjiżhom, filwaqt li jiġi żgurat approċċ integrat u konsistenti bejn għajnuna umanitarja, rijabilitazzjoni, għajnuna lil persuni maqlugħa minn pajjiżhom u koperazzjoni għall-iżvilupp. L-azzjoni Komunitarja għandha tiffaċilita l-pass mill-istadju ta' emerġenza għal dak ta' l-iżvilupp, bl-inkoraġġiment ta' l-integrazzjoni jew tar-re-integrazzjoni tal-persuni milquta, u bl-inkoraġġiment tat-twaqqif jew tisħiħ ta' strutturi demokratiċi u tar-rwol tal-popolazzjoni fil-proċess ta' l-iżvilupp;

(y) fi Stati fraġli jew li qed ifallu, jingħata appoġġ għat-twassil ta' servizzi bażiċi u għall-iżvilupp ta' istituzzjonijiet pubbliċi leġittimi, effettivi u reżiljenti;

(z) jiġu indirizzati sfidi ta' żvilupp komuni għall-Komunità u l-imsieħba tagħha, b'mod partikolari jingħata appoġġ għal djalogi settorali, għall-implimentazzjoni ta' ftehim bilaterali u kwalunkwe qasam ieħor ta' azzjoni konsistenti mal-kamp ta' applikazzjoni ta' dan ir-Regolament.

*Artikolu 6*

**Amerika Latina**

L-assistenza Komunitarja lill-Amerika Latina għandha tappoġġa azzjonijiet konsistenti ma' l-Artikolu 5 u ma' l-għan globali u l-kamp ta' applikazzjoni, l-objettivi u l-prinċipji ġenerali ta' dan ir-Regolament. Għandha tingħata attenzjoni addizzjonali lill-oqsma ta' koperazzjoni li ġejjin, li tirrifletti s-sitwazzjoni speċifika fl-Amerika Latina:

(a) il-promozzjoni ta' koeżjoni soċjali bħala għan kondiviż u politika prijoritarja tar-relazzjonijiet bejn il-Komunità u l-Amerika Latina sabiex b'hekk jiġu miġġielda l-faqar, l-inugwaljanza u l-esklużjoni. Għandha tingħata attenzjoni partikolari lill-benesseri soċjali u l-politika dwar it-taxxa, l-investiment produttiv għal aktar impjiegi u impjiegi aħjar, politika sabiex jiġu miġġielda d-diskriminazzjoni u l-produzzjoni, il-konsum u t-traffikar tad-droga, u titjib fis-servizzi soċjali bażiċi, b'mod partikolari s-saħħa u l-edukazzjoni;

(b) l-inkoraġġiment ta' integrazzjoni reġjonali akbar, inkluż l-appoġġ għal proċessi differenti ta' integrazzjoni reġjonali u għall-interkonnessjoni ta' infrastrutturi network, filwaqt li tiġi żgurata komplementarjetà ma' attivitajiet appoġġati mill-Bank Ewropew ta' Investiment (BEI) u istituzzjonijiet oħra;

(ċ) appoġġ għar-rafforzament tat-tmexxija tajba u ta' l-istituzzjonijiet pubbliċi, u l-protezzjoni tad-drittijiet tal-bniedem, inklużi d-drittijiet tat-tfal u d-drittijiet tal-popli indiġeni;

(d) appoġġ għall-ħolqien ta' żona ta' edukazzjoni superjuri komuni għall-UE u l-Amerika Latina;

(e) il-promozzjoni ta' żvilupp sostenibbli fid-dimensjonijiet kollha tiegħu, b'attenzjoni partikolari għall-protezzjoni tal-foresti u l-bijodiversità.

*Artikolu 7*

**L-Asja**

L-assistenza Komunitarja lill-Asja għandha tappoġġa azzjonijiet konsistenti ma' l-Artikolu 5 u ma' l-għan globali u l-kamp ta' applikazzjoni, l-objettivi u l-prinċipji ġenerali ta' dan ir-Regolament. Għandha tingħata attenzjoni addizzjonali lill-oqsma ta' koperazzjoni li ġejjin, li tirrifletti s-sitwazzjoni speċifika fl-Asja:

(a) l-isforzi sabiex jinkisbu l-Għanijiet ta' Żvilupp tal-Millennju fil-qasam tas-saħħa, inkluż l-HIV/AIDS, u l-edukazzjoni, inter alia permezz ta' djalogu ta' politika għal riforma settorali;

(b) l-indirizzar ta' kwistjonijiet dwar tmexxija b'mod partikolari fi Stati fraġli sabiex jinbnew istituzzjonijiet pubbliċi leġittimi, effettivi u reżiljenti u soċjetà ċivili attiva u organizzata, u sabiex tissaħħaħ il-protezzjoni tad-drittijiet tal-bniedem, inklużi d-drittijiet tat-tfal;

(ċ) l-inkoraġġiment ta' integrazzjoni u koperazzjoni reġjonali akbar permezz ta' appoġġ għal proċessi differenti ta' integrazzjoni u djalogu reġjonali;

(d) il-kontribut għall-kontroll ta' epidemiji u żoonosi kif ukoll għall-kontribut tas-setturi milquta;

(e) il-promozzjoni ta' żvilupp sostenibbli fid-dimensjonijiet kollha tiegħu, b'attenzjoni partikolari għall-protezzjoni tal-foresti u l-bijodiversità;

(f) il-ġlieda kontra l-produzzjoni, l-konsum u t-traffikar tad-droga u kontra traffikar ieħor.

*Artikolu 8*

**L-Asja Ċentrali**

L-assistenza Komunitarja lill-Asja Ċentrali għandha tappoġġa azzjonijiet konsistenti ma' l-Artikolu 5 u ma' l-iskop u l-kamp ta' applikazzjoni, l-objettivi u l-prinċipji ġenerali ta' dan ir-Regolament. Għandu jingħata attenzjoni addizzjonali lill-oqsma ta' koperazzjoni, li jirriflettu s-sitwazzjoni speċifika fl-Asja Ċentrali:

(a) il-promozzjoi ta' riformi kostituzzjonali u approssimazzjoni leġiżlattiva, amministrattiva u regolatorja mal-Komunità, inkluż it-tisħiħ ta' istituzzjonijiet u korpi nazzjonali responsabbli għall-implimentazzjoni effettiva ta' linji politiċi koperti fil-Ftehim ta' Sħubija u Koperazzjoni, bħal korpi ta' elezzjoni, parlamenti, riforma ta' amministrazzjoni pubblika u ġestjoni finanzjarja pubblika;

(b) il-promozzjoni ta' l-iżvilupp ta' ekonomija tas-suq u l-integrazzjoni ta' pajjiżi msieħba fid-WTO, filwaqt li jiġu indirizzati l-aspetti soċjali tat-transizzjoni;

(ċ) appoġġ għall-ġestjoni ta' konfini u koperazzjoni transkonfinali effiċjenti sabiex jiġi promoss l-iżvilupp ekonomiku sostenibbli, soċjali u ambjentali f'reġjuni ta' konfini;

(d) il-ġlieda kontra l-produzzjoni, l-konsum u t-traffikar tad-droga u kontra traffikar ieħor;

(e) il-ġlieda kontra l-HIV/AIDS;

(f) il-promozzjoni tal-koperazzjoni reġjonali, id-djalogu u l-integrazzjoni, inkluż ma' pajjiżi koperti mir-Regolament Nru 1638/2006 u strumenti Komunitarji oħra, b'mod partikolari l-promozzjoni tal-koperazzjoni fis-setturi ta' l-ambjent — b'mod partikolari l-ilma u s-sanità —, is-setturi ta' l-edukazzjoni, l-enerġija u t-trasport, inkluż is-sikurezza u s-sigurtà tal-provvista ta' enerġija internazzjonali u l-operazzjonijiet ta' trasport, dwar interkonnessjonijiet, in-networks u l-operaturi tagħhom, is-sorsi ta' enerġija rinnovabbli, l-effiċjenza ta' l-enerġija.

*Artikolu 9*

**Il-Lvant Nofsani**

L-assistenza Komunitarja lil-Lvant Nofsani għandha tappoġġa azzjonijiet konsistenti ma' l-Artikolu 5 u ma' l-iskop u l-kamp ta' applikazzjoni ġenerali, l-objettivi u l-prinċipji ġenerali ta' dan ir-Regolament. Għandha tingħata attenzjoni addizzjonali lill-oqsma ta' koperazzjoni li ġejjin, li tirrifletti s-sitwazzjoni speċifika fil-Lvant Nofsani:

(a) l-inkoraġġiment ta' koeżjoni soċjali sabiex tiġi żgurata l-ekwità soċjali, b'mod partikolari rigward l-użu ta' riżorsi nazzjonali domestiċi u sabiex tiġi żgurata ugwaljanza politika b'mod partikolari permezz tal-promozzjoni tad-drittijiet tal-bniedem, inkluż l-ugwaljanza bejn is-sessi;

(b) il-promozzjoni tad-diversifikazzjoni ekonomika, l-iżvilupp ta' ekonomija tas-suq, u l-integrazzjoni tal-pajjiżi msieħba fid-WTO;

(ċ) il-promozzjoni tal-koperazzjoni reġjonali, id-djalogu u l-integrazzjoni, inkluż ma' pajjiżi koperti mir-Regolament Nru 1638/2006 u strumenti Komunitarji oħrajn permezz ta' l-appoġġ lil sforzi ta' integrazzjoni fir-reġjun, per eżempju dwar l-ekonomija, l-enerġija, it-trasport u r-refuġjati;

(d) appoġġ għall-konklużjoni ta' ftehim internazzjonali u l-implimentazzjoni tal-liġi internazzjonali, b'mod partikolari r-riżoluzzjonijiet u l-konvenzjonijiet multilaterali tan-NU;

(e) l-indirizzar ta' kwistjonijiet dwar tmexxija b'mod partikolari fi Stati fraġli sabiex jgħinu fil-bini ta' istituzzjonijiet pubbliċi leġittimi, effettivi u reżiljenti u soċjetà ċivili attiva u organizzata, u sabiex tissaħħaħ il-protezzjoni tad-drittijiet tal-bniedem, inklużi d-drittijiet tat-tfal.

*Artikolu 10*

**L-Afrika t'Isfel**

L-assistenza Komunitarja lill-Afrika t'Isfel għandha tappoġġa azzjonijiet konsistenti ma' l-Artikolu 5 u ma' l-iskop u l-kamp ta' applikazzjoni ġenerali, l-objettivi u l-prinċipji ġenerali ta' dan ir-Regolament. Għandu jingħata attenzjoni addizzjonali lill-oqsma ta' koperazzjoni, li jirriflettu s-sitwazzjoni speċifika fl-Afrika t'Isfel:

(a) appoġġ għall-konsolidament ta' soċjetà demokratika, tat-tmexxija tajba u ta' Stat immexxi bl-istat ta' dritt u kontribut għall-istabbiltà u l-integrazzjoni reġjonali u kontinentali;

(b) appoġġ għall-isforzi ta' aġġustament ikkaġunati fir-reġjun mill-istabbiliment ta' l-oqsma ta' kummerċ ħieles taħt il-Ftehim ta' Kummerċ, Żvilupp u Koperazzjoni bejn il-Komunità u l-Afrika t'Isfel ([1]) u arranġamenti reġjonali oħrajn;

(ċ) appoġġ għall-ġlieda kontra l-faqar, in-nuqqas ta' ugwaljanza u l-esklużjoni, inkluż billi jiġu indirizzati l-ħtiġijiet bażiċi tal-komunitajiet li qabel kienu żvantaġġati;

(d) li tiġi indirizzata l-pandemika ta' l-HIV/AIDS u l-impatti tagħha fuq is-soċjetà ta' l-Afrika t'Isfel.

*Artikolu 11*

**Programmi tematiċi**

1. Programm tematiku għandu jkun sussidjarju għal programmi msemmija fl-Artikoli 5 sa 10 u għandu jinkludi qasam speċifiku ta' attività ta' interess lil grupp ta' pajjiżi msieħba mhux determinati bil-ġeografija, jew attivitajiet ta' koperazzjoni indirizzati lil varji reġjuni jew gruppi ta' pajjiżi msieħba, jew operazzjoni internazzjonali li mhix ġeografikament speċifika.

2. Konsistentement ma' l-iskop u l-kamp ta' applikazzjoni globali, l-objettivi u l-prinċipji ġenerali ta' dan ir-regolament, l-azzjonijiet meħuda permezz ta' programmi tematiċi għandhom iżidu l-valur lil u jkunu adizzjonali u koerenti ma' azzjonijiet iffinanzjati taht programmi ġeografiċi. Il-prinċipji li ġejjin għandhom japplikaw ma' dawn l-azzjonijiet:

(a) L-objettivi tal-politika Komunitarja ma jistgħux jinkisbu b'mod xieraq jew effettiv permezz ta' programmi ġeografiċi u l-programm tematiku huwa implimentat bi jew permezz ta' organizzazzjoni intermedjarja bħal organizzazzjonijiet mhux governattivi, atturi mhux Statali oħrajn, organizzazzjonijiet internazzjonali jew mekkaniżmi multilaterali. Dan jinkludi inizjattivi globali li jappoġġaw l-Għanijiet ta' Żvilupp tal-Millennju, l-iżvilupp sostenibbli jew prodotti u azzjonijiet pubbliċi globali fi Stati Membri u fil-pajjiżi mex-jin lejn l-adeżjoni permezz ta' deroga mill-Artikolu 24 kif previst fil-programm tematiku relevanti,

u/jew

(b) azzjonijiet ikunu skond kif ġej:

— azzjonijiet multireġjonali u/jew trasversali, inkluzi proġetti pilota u linji politiċi innovativi;

— azzjonijiet f'każijiet fejn m'hemm l-ebda ftehim dwar l-azzjoni mal-gvern(ijiet) sieħeb(shab);

— azzjonijiet relevanti għall-iskop ta' programm tematiku speċifiku li jwieġeb għal prijorità ta' politika Komunitarja jew obbligu jew impenn internazzjonali tal-Komunità;

— fejn xieraq, azzjonijiet f'każijiet fejn m'hemm l-ebda programm ġeografiku jew fejn ġie sospiż.

*Artikolu 12*

**Investiment fin-nies**

1. L-objettiv ta' l-assistenza Komunitarja taħt il-programm tematiku "Investiment fin-Nies" għandu jkun li jingħata appoġġ lil azzjonijiet, f'oqsma li jolqtu direttament l-livelli ta' għajxien u l-benesseri tan-nies, definiti hawn taħt u li jiġu ffokati l-iktar pajjiżi fqar u l-inqas żviluppati u l-iktar oqsma żvantaġġati tal-popolazzjoni.

2. Sabiex jinkiseb l-objettiv imsemmi fil-paragrafu 1 u konsistentement ma' l-Artikolu 11, il-programm għandu jinkludi l-oqsma ta' attività li ġejjin:

(a) Saħħa tajba għal kulħadd:

(i) ġlieda kontra l-mard tal-faqar b'mira lejn mard li jittieħed ħafna bħal kif stabbilit fil-Programm Ewropew għal azzjoni kontra l-HIV/AIDS, il-malarja u t-tuberkolosi, b'mod partikolari:

— bit-traħħis fil-prezz tal-farmaċewtiċi u dijanjostiċi ewlenin għat-tliet tipi ta' mard skond id-dispożizzjonijiet tal-Ftehim TRIPS kif iċċarat fid-Dikjarazzjoni ta' Doha dwar il-Ftehim TRIPS u s-Saħħa Pubblika;

— bl-inkoraġġiment ta' l-investiment pubbliku u privat fir-riċerka u l-iżvilupp ta' trattamenti ġodda, mediċini ġodda, partikolarment vaċċini, mikrobiċidi u trattamenti innovattivi;

— b'appoġġ għal inizjattivi globali mmirati kontra l-mard komunikabbli ewlieni fil-kuntest tat-tnaqqis tal-faqar, inkluż il-Fond Globali għall-ġlieda kontra l-HIV/AIDS, il-malarja u t-tuberkolosi;

([1]) Ftehim ta' Kummerċ, Żvilupp u Koperazzjoni bejn il-Komunità Ewropea u l-Istati Membri tagħha, minn naħa waħda, u r-Repubblika ta' l-Afrika t'Isfel, min-naħa l-oħra (ĠU L 311, 4.12.1999, p. 3).

(ii) konformement mal-prinċipji miftiehma fl-ICPD u l-ICPD+5, azzjonijiet ta' appoġġ li jtejbu s-saħħa riproduttiva u sesswali fil-pajjiżi li qed jiżviluppaw u li jiżguraw id-dritt tan-nisa, ta' l-irġiel u ta' l-adoloxxenti għal saħħa riproduttiva u sesswali tajba u jipprovdu assistenza finanzjarja u kompetenza xierqa bil-ħsieb li jiġi promoss approċċ olistiku lejn, u r-rikonoxximent ta', is-saħħa riproduttiva u sesswali u d-drittijiet relatati kif definiti fil-Programm ta' Azzjoni ta' l-ICPD, inkluż maternità sigura u aċċess universali għal firxa komprensiva ta' kura tas-saħħa riproduttiva u sesswali li tkun sigura u affidabbli u għal servizzi, provvisti, edukazzjoni u informazzjoni, inkluża informazzjoni dwar kull tip ta' metodi ta' l-ippjanar tal-familja, inkluż:

— it-tnaqqis tar-rati tal-mortalità u tal-morbilità materni, partikolarment b'referenza għall-pajjiżi u popolazzjonijiet fejn dawn huma l-ogħla;

(iii) it-titjib ta' aċċess ġust għal fornituri tas-saħħa, komoditajiet u servizzi tas-saħħa bl-appoġġ ta':

— interventi li jindirizzaw il-kriżi tar-riżorsi umani fil-qasam tas-saħħa;

— sistemi ta' informazzjoni dwar is-saħħa bil-kapaċità li jiġġeneraw, ikejlu u janalizzaw *data* diżaggregata ta' prestazzjoni sabiex jiġu żgurati riżultati aħjar fl-oqsma tas-saħħa u ta' l-iżvilupp u s-sostenibbiltà;

— kopertura mtejba ta' vaċċinazzjoni u immunizzazzjoni u l-promozzjoni tad-diponibbiltà ta', u l-aċċess għal, vaċċini eżistenti jew ġodda;

— mekkaniżmi ġusti għall-finanzjament ta' aċċess ekwu għall-kura tas-saħħa.

(iv) iż-żamma ta' approċċ bilanċjat bejn prevenzjoni, trattament u kura, bil-prevenzjoni meqjusa bħala prijorità ewlenija, bir-rikonoxximent li l-effikaċja tagħha tiżdied meta tkun marbuta mat-trattament u l-kura;

(b) L-edukazzjoni, il-konoxxenza u l-ħiliet:

(i) attenzjoni speċjali lil miżuri meħuda fil-kuntest ta' l-Għanijiet ta' Żvilupp tal-Millennju sabiex tinkiseb edukazzjoni primarja universali sa l-2015 u l-Qafas ta' Dakar għall-Azzjoni dwar Edukazzjoni għal Kulħadd;

(ii) edukazzjoni bażika, sekondarja u ogħla kif ukoll edukazzjoni u taħriġ vokazzjonali sabiex itejbu l-aċċess għal edukazzjoni għat-tfal kollha u, b'mod li qed jiżdied, għan-nisa u l-irġiel ta' kull età, bil-ħsieb li jiżdiedu l-konoxxenza, il-ħiliet u l-possibbiltajiet ta' l-impjiegi fis-suq tax-xogħol, jikkontribwixxu għal ċittadinanza attiva u twettiq individwali fuq bażi tul il-ħajja.

(iii) il-promozzjoni ta' edukazzjoni bażika ta' kwalità għolja, b'attenzjoni partikolari għall-aċċess, għal programmi edukattivi, ta' bniet, ta' tfal f'żoni milquta minn konflitti u ta' tfal minn gruppi marġinalizzati u iżjed vulnerabbli; il-promozzjoni ta' edukazzjoni obbligatorja u b'xejn sa l-età ta' 15-il sena sabiex jiġu miġġielda l-forom kollha ta' xogħol tat-tfal;

(iv) l-iżvilupp ta' metodi ta' kejl ta' riżultati edukattivi sabiex tkun tista' tiġi valutata aħjar il-kwalità ta' l-edukazzjoni, speċjalment il-ħiliet alfabetiċi, numeriċi u essenzjali għall-ħajja;

(v) il-promozzjoni ta' l-armonizzazzjoni ta' donaturi u ta' l-allinjament għall-promozzjoni ta' edukazzjoni universali, obbligatorja, li tingħata b'xejn u tkun ta' kwalità għolja, permezz ta' inizjattivi internazzjonali u meħuda konġuntement bejn pajjiżi;

(vi) appoġġ għal soċjetà inklużiva msejsa fuq il-konoxxenza u kontribut sabiex jimtela l-vojt diġitali u jiġu rimedjati d-distakki fil-konoxxenza u fl-informazzjoni;

(vii) it-titjib tal-konoxxenza u ta' l-innovazzjoni permezz tax-xjenza u t-teknoloġija kif ukoll l-iżvilupp ta, u l-aċċess għal, networks elettroniċi ta' komunikazzjoni sabiex jittejjeb l-iżvilupp soċjo-ekonomiku u l-iżvilupp sostenibbli konġuntement mad-dimensjoni internazzjonali tal-politika ta' l-UE dwar ir-riċerka;

(ċ) L-ugwaljanza bejn is-sessi:

(i) il-promozzjoni ta' l-ugwaljanza bejn is-sessi u tad-drittijiet tan-nisa, bl-implimentazzjoni ta' impenji globali kif dettaljati fid-Dikjarazzjoni u l-Pjattaforma għal Azzjoni ta' Beijing u fil-Konvenzjoni tan-NU dwar l-Eliminazzjoni ta' Kull Forma ta' Diskriminazzjoni Kontra n-Nisa, b'attivitajiet li jinkludu:

— appoġġ għal programmi li jikkontribwixxu għall-kisba ta' l-għanijiet tal-Pjattaforma għal Azzjoni ta' Beijing b'emfażi speċjali fuq l-ugwaljanza bejn is-sessi fit-tmexxija u fir-rappreżentanza politika u soċjali u fuq azzjonijiet oħra li jagħtu setgħat lin-nisa;

— it-tisħiħ tal-kapaċitajiet istituzzjonali u operattivi tal-partijiet interessati ewlenin, ta' l-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili, ta' l-organizzazzjonijiet tan-nisa u ta' networks, fl-isforzi tagħhom sabiex jippromwovu l-ugwaljanza bejn is-sessi u l-għoti ta' setgħat ekonomiċi u soċjali, inklużi n-networking u l-għoti ta' konsulenza bejn il-pajjiżi tat-tramuntana u l-pajjiżi tan-nofsinhar, kif ukoll bejn il-pajjiżi tan-nofsinhar stess;

— l-inklużjoni ta' perspettiva ibbażata fuq konsiderazzjonijiet ta' l-ugwaljanza bejn is-sessi fil-monitoraġġ u fl-iżvilupp ta' kapaċitajiet statistiċi, bl-appoġġ ta' l-izvilupp u t-tixrid ta' data u ta' indikaturi diżaggregati abbażi ta' sess, kif ukoll ta' data u ta' indikaturi dwar l-ugwaljanza bejn is-sessi;

— it-tnaqqis tad-defiċjenza fil-kapaċitajiet ta' alfabetizzazzjoni fost l-adulti, b'emfażi partikolari fuq l-alfabetizzazzjoni femminili;

— miżuri kontra l-vjolenza mwettqa kontra ħ-nisa.

(d) Aspetti oħra ta' żvilupp uman u soċjali:

(i) Il-kultura:

— il-promozzjoni ta' djalogu interkulturali, diversità kulturali u rispett għad-dinjità ugwali tal-kulturi kollha;

— il-promozzjoni ta' koperazzjoni internazzjonali sabiex tistimola l-kontribut ta' industriji kulturali għal tkabbir ekonomiku f'pajjiżi li qed jiżviluppaw sabiex jisfruttaw il-potenzjal tagħha għall-ġlieda kontra l-povertà, inkluż il-kwistjonijiet indirizzati bħal aċċess tas-suq u drittijiet ta' proprjetà intellettwali;

— il-promozzjoni tar-rispett għall-valuri soċjali, kulturali u spiritwali ta' popli u minoranzi indiġeni sabiex tittejjeb l-ugwaljanza u l-ġustizzja f' soċjetajiet multietniċi f'konformità mad-drittijiet universali tal-bniedem li għalihom kulħadd għandu jedd, inklużi popli indiġeni u persuni li jagħmlu parti minn minoranzi;

— appoġġ għall-kultura bħala settur ekonomiku promettenti għall-iżvilupp u t-tkabbir ekonomiku.

(ii) L-impjiegi u l-koeżjoni soċjali:

— il-promozzjoni ta' approċċ soċjali u ekonomiku integrat inkluża l-promozzjoni ta' impjiegi produttivi, xogħol deċenti għal kulħadd, l-koeżjoni soċjali, l-iżvilupp tar-riżorsi umani, l-ugwaljanza, is-sigurtà soċjali u l-identifikazzjoni ta' kwistjonijiet li jikkonċernaw l-impjiegi u t-tisħiħ ta' impjiegi fis-settur informali u s-saħħa lill-assoċjazzjonijiet tax-xogħol, skond il-prinċipji tal-Konvenzjonijiet ta' l-ILO relatati u l-impenji internazzjonali tal-Komunità f'dawn l-oqsma;

— il-promozzjoni ta' l-aġenda "xogħol deċenti għal kulħadd" bħala għan universali, anke permezz ta' inizjattivi globali u inizjattivi oħra meħuda konġuntement bejn pajjiżi għall-implimentazzjoni ta' standards ewlenija ta' l-ILO dwar ix-xogħol li huma miftiehma internazzjonalment, ta' l-istima ta' l-impatt tal-kummerċ fuq xogħol deċenti, ta' mekkaniżmi sostnuti u adegwati għall-finanzjament ġust, tal-funzjonament effikaċi — u ambitu usa' — tas-sistemi ta' protezzjoni soċjali;

— appoġġ għal inizjattivi li jippromwovu t-titjib fil-kondizzjonijiet tax-xogħol kif ukoll l-aġġustament għal-liberalizzazzjoni tal-kummerċ, inkluża dimensjoni ta' l-impjiegi fil-politika dwar l-iżvilupp, sabiex jiġi promoss it-tixrid tal-valuri soċjali Ewropej;

— għajnuna fil-promozzjoni tad-dimensjoni soċjali pożittiva tal-globalizzazzjoni ta' l-esperjenza ta' l-UE.

(iii) Iż-żgħażagħ u t-tfal:

— tiġi miġġielda kull forma tat-tħaddim ta' tfal, tat-traffikar ta', u ta' vjolenza kontra, tfal u l-promozzjoni ta' linji politiċi waqt li jiġu meqjusin il-vulnerabbiltajiet u l-potenzjalijiet partikolari taż-żgħażagħ u t-tfal, il-protezzjoni tad-drittijiet u interessi tagħhom, l-edukazzjoni, is-saħħa u l-għajxien, li tibda bil-parteċipazzjoni u l-għoti ta' setgħat;

— it-tisħiħ ta' l-attenzjoni u l-kapaċità tal-pajjiżi li qed jiżviluppaw sabiex jiġu żvilupati linji politiċi li jibbenefikaw minnhom iż-żgħażagħ u t-tfal;

— il-promozzjoni ta' strateġiji u interventi konkreti li jindirizzaw problemi u sfidi partikolari li jolqtu liż-żgħażagħ u lit-tfal b'kont meħud ta' l-aħjar interessi tagħhom f'kull azzjoni relevanti. Għandha tiġi żgurata l-parteċipazzjoni tat-tfal u ż-żgħażagħ;

— l-użu tal-pożizzjoni tal-Komunità tagħha bħala donatur prinċipali ta' assistenza uffiċjali għall-iżvilupp fost istituzzjonijiet internazzjonali sabiex donaturi multilaterali ikunu mħeġġa jagħmlu pressjoni għat-tfassil ta' linji politiċi li jeliminaw l-agħar forom tat-tħaddim ta' tfal, b'mod partikolari xogħol ta' periklu bil-ħsieb li tiġi promossa l-eliminazzjoni effettiva ta' kull forma tat-tħaddim ta' tfal, jiġi miġġieled it-traffikar ta', u ta' vjolenza kontra, tfal u li jiġi promoss r-rwol tat-tfal u taż-żgħażagħ bħala atturi għall-iżvilupp.

*Artikolu 13*

**L-ambjent u l-ġestjoni sostenibbli tar-riżorsi naturali, inkluża l-enerġija**

1. L-objettiv tal-programm tematiku dwar l-ambjent u l-ġestjoni sostennibbli tar-riżorsi naturali, inkluż l-ilma, u l-enerġija, għandu jkun li jiġu integrati r-rekwiżiti ta' protezzjoni ambjentali fil-linji politiċi tal-Komunità għall-iżvilupp u f'linji politiċi esterni oħrajn kif ukoll sabiex jgħin il-promozzjoni tal-linji politiċi ambjentali u ta' l-enerġija Komunitarji barra mill-Komunità fl-interess komuni tal-Komunità u tal-pajjiżi u reġjuni msieħba.

2. Sabiex jinkiseb l-objettiv imsemmi fil-paragrafu 1 u konsistentement ma' l-Artikolu 11, il-programm għandu jinkludi l-oqsma ta' attività li ġejjin:

(a) ħidma minn isfel 'il fuq fl-għoti ta' assistenza lil pajjiżi li qed jiżviluppaw sabiex jiksbu l-Għanijiet ta' Żvilupp tal-Millennju f'termini ta' sostenibbiltà ambjentali permezz ta' żvilupp ta' kapaċitajiet għal integrazzjoni ambjentali f'pajjiżi li qed jiżviluppaw, appoġġ għal atturi tas-soċjeta ċivili, awtoritajiet lokali u pjattaformi konsultattivi, monitoraġġ u valutazzjoni ambjentali, żvilupp ta' approċċi innovattivi u ġemellaġġ għall-qsim ta' esperjenza u rinfurzar ta' koperazzjoni f'dawn l-oqsma ma' pajjiżi prinċipali;

(b) il-promozzjoni ta' l-implimentazzjoni ta' inizjattivi Komunitarji u impenji miftiehma fil-livelli internazzjonali u reġjonali u/jew ta' karattru transkonfinali permezz ta' appoġġ għal żvilupp sostenibbli inklużi attivitajiet li jindirizzaw kwistjonijiet attwali u futuri ta' bidla fil-klima, il-bijodiversità, id-deżertifikazzjoni, il-foresti, id-degradazzjoni ta' l-art, ir-riżorsi tas-sajd u marini, konformità ma' *standards* ambjentali (għal prodotti u proċessi ta' produzzjoni), ġestjoni tajba ta' kimiċi u skart, il-ġlieda kontra t-tniġġis, il-produzzjoni u konsum sostenibbli u l-migrazzjoni relatata ma' l-ambjent. Dan jinkludi wkoll sforzi għall-promozzjoni ta' tmexxija forestali tajba u sabiex jiġi miġġieled il-qtugħ illegali ta' siġar, partikolarment permezz tal-FLEGT, u attivitajiet innovattiv għall-konservazzjoni u l-ġestjoni sostenibbli ta' foresti bil-parteċipazzjoni attiva ta' komunitajiet lokali u ta' popli li jiddipendu mill-foresti.

Fir-rigward ta' l-ilma, il-programm tematiku jimmira li jistabbilixxi qafas għall-protezzjoni fit-tul ta' riżorsi ta' l-ilma u li jippromwovi l-użu sostenibbli ta' l-ilma permezz ta' appoġġ għall-koordinament ta' linji politiċi;

(ċ) integrazzjoni aħjar ta' objettivi ambjentali permezz ta' appoġġ għal ħidma metodoloġika, it-tisħiħ ta' kompetenzi ambjentali disponibbli għal xogħol fuq linji politiċi, ta' integrazzjoni u ta' azzjonijiet innovattivi tal-Komunità u l-promozzjoni tal-koerenza;

(d) it-tisħiħ tat-tmexxija ambjentali u l-appoġġ għall-iżvilupp tal-politika internazzjonali permezz ta' ħidma għal koerenza bejn il-pilastri ambjentali u oħrajn tat-tmexxija internazzjonali għal żvilupp sostenibbli u billi jiġu assistiti l-monitoraġġ u l-valutazzjoni ta' l-ambjent reġjonali u internazzjonali, b'forniment ta' appoġġ addizzjonali għas-Segretarjati ta' ftehim ambjentali multilaterali, il-promozzjoni ta' konformità u miżuri ta' infurzar effettivi għal ftehim ambjentali multilaterali inkluż permezz tal-bini ta' kapaċità, l-appoġġ għal organizzazzjonijiet u proċessi internazzjonali, appoġġ għas-soċjetà ċivili u think tanks ta' politika, u t-titjib ta' l-effiċjenza ta' negozjati internazzjonali;

(e) appoġġ għal alternattivi ta' enerġija sostenibbli f'pajjiżi u reġjuni msieħba, permezz ta' integrazzjoni ta' enerġija sostenibbli f'pjanijiet u strateġiji ta' żvilupp, l-iżvilupp ta' appoġġ istituzzjonali u assistenza teknika, il-ħolqien ta' qafas leġiżlattiv u politiku favorevoli sabiex jattira kummerċ u investituri ġodda fl-enerġija rinnovabbli, li jissaħħaħ ir-rwol ta' l-enerġija bħala mezz li joħloq il-ġenerazzjoni ta' dħul għall-foqra, il-promozzjoni ta' approċċi ta' finanzjament innovattivi, u l-inkoraġġament ta' koperazzjoni reġjonali bejn gvernijiet, organizzazzjonijiet mhux governattivi u s-settur privat fl-oqsma ta' hawn fuq. L-azzjonijiet strateġiċi Komunitarji sejrin jagħtu inkoraġġiment partikolari għall-użu ta' riżorsi rinnovabbli ta' enerġija, għal żieda fl-effiċjenza fl-użu ta' l-enerġija u għall-iżvilupp ta' qafas regolatorju adatt għall-użu ta' l-enerġija fil-pajjiżi u r-reġjuni konċernati u għas-sostituzzjoni ta' sorsi ta' enerġija partikolarment dannużi b'oħrajn anqas dannużi.

*Artikolu 14*

**Atturi mhux Statali u awtoritajiet lokali fl-iżvilupp**

1. L-objettiv tal-programm tematiku għal atturi mhux Statali u awtoritajiet lokali fl-iżvilupp għandu jkun li jipprovdi ko-finanzjament ta' inizjattivi proposti u/jew imwettqin mill-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili u awtoritajiet lokali li joriġinaw mill-Komunità u l-pajjiżi msieħba fil-qasam ta' l-iżvilupp. Għall-inqas 85 % tal-fondi previsti taħt dan il-programm tematiku għandhom jiġu allokati lil atturi mhux Statali. Il-programm għandu implimentat b'mod konsistenti ma' l-objettiv ta' dan ir-Regolament u li jsaħħaħ il-kapaċità ta' atturi mhux Statali u ta' awtoritajiet lokali fil-proċess ta' tfassil ta' politika, sabiex:

(a) tiġi promossa soċjetà inkluživa u mogħtija s-setgħa sabiex:

(i) jibbenefikaw popolazzjonijiet li ma jintlaħqux minn servizzi u riżorsi integrati u esklużi minn proċessi ta' tfassil ta' politika;

(ii) tissaħħaħ il-kapaċità ta' l-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili u l-awtoritajiet lokali fil-pajiżi msieħba, bil-ħsieb li tiġi ffaċilitata l-parteċipazzjoni tagħhom fid-definizzjoni u l-implimentazzjoni ta' strateġiji għat-tnaqqis tal-povertà u l-iżvilupp sostenibbli;

(iii) tiġi ffaċilitata l-interazzjoni bejn atturi ta' l-Istat u dawk mhux Statali f'kuntesti differenti u jiġi appoġġat rwol akbar għall-awtoritajiet lokali fi proċessi ta' deċentralizzazzjoni;

(b) jiżdied il-livell ta' konsapevolezza taċ-ċittadin Ewropew dwar kwistjonijiet ta' żvilupp u jiġi mobilizzat appoġġ pubbliku attiv fil-Komunita u fil-pajjiżi mexjin lejn l-adeżjoni għat-tnaqqis tal-povertà u l-istrateġiji ta' żvilupp sostenibbli fil-pajjiżi msieħba, għal relazzjonijiet aktar ġusti bejn pajjiżi żviluppati u dawk li qed jiżviluppaw, u jiġu msaħħa r-rwoli tas-soċjetà ċivili u ta' l-awtoritajiet lokali għal dawn il-finijiet;

(c) tinkiseb koperazzjoni aktar effiċjenti, jitrawmu s-sinerġiji u jiġi ffaċilitat djalogu strutturat bejn networks ta' soċjeta ċivili u assoċjazzjonijiet ta' awtoritajiet lokali, fi ħdan l-organizzazzjonijiet tagħhom u ma' l-istituzzjonijiet Komunitarji.

2. Sabiex jinkiseb l-objettiv imsemmi fil-paragrafu 1 u konsistentement ma' l-Artikolu 11, il-programm għandu jinkludi l-oqsma ta' attività li ġejjin:

(a) interventi f'pajjiżi u reġjuni li qed jiżviluppaw li

(i) isaħħu l-iżvilupp parteċipatorju u proċessi u inklużjoni ta' l-atturi kollha, speċjalment gruppi vulnerabbli u marġinalizzati;

(ii) appoġġ lill-proċessi ta' żvilupp ta' kapaċità ta' l-atturi kkonċernati fil-livell tal-pajjiż, reġjonali jew lokali;

(iii) il-promozzjoni ta' proċessi ta' fehim reċiproku;

(iv) il-faċilitazzjoni ta' l-impenn attiv taċ-ċittadini fil-proċessi ta' żvilupp u fit-tisħiħ tal-kapaċità tagħhom sabiex jieħdu azzjoni;

(b) titqajjem il-kuxjenza pubblika dwar kwistjonijiet ta' żvilupp u l-promozzjoni ta' l-edukazzjoni għal żvilupp fil-Komunità u fil-pajjiżi mexjin lejn l-adeżjoni, sabiex tiġi stabbilita politika ta' żvilupp fis-soċjetajiet Ewropej, sabiex timmobilizza aktar l-appoġġ pubbliku fil-Komunità u l-pajjiżi mexjin lejn l-adeżjoni għal azzjoni kontra l-povertà u għal relazzjonijiet iktar ġusti bejn pajjiżi żviluppati u dawk li qed jiżviluppaw, sabiex titqajjem kuxjenza fil-Komunità dwar kwistjonijiet u diffikultajiet li qed jaffaċċjaw pajjiżi li qed jiżviluppaw u l-popli tagħhom, u sabiex tiġi promossa d-dimensjoni soċjali tal-globalizzazzjoni;

(ċ) koordinazzjoni u komunikazzjoni bejn is-soċjetà ċivili u n-networks ta' awtorita lokali, fi ħdan l-organizzazzjonijiet tagħhom u bejn it-tipi differenti ta' dawk kollha interessati attivi fid-dibattitu Ewropew u globali dwar l-iżvilupp.

3. L-appoġġ lill-awtoritajiet lokali għandu normalment jitwettaq fil-qafas tad-dokumenti ta' strateġija tal-pajjiż ħlief fejn dawn ta' l-aħħar ma jipprovdux appoġġ xieraq, partikolarment f'sitwazzjonijiet bħal sħubiji diffiċli, Stati fraġili u wara l-kunflitt.

L-appoġġ lill-awtoritajiet lokali u lill-assoċjazzjonijiet tagħhom sejjer jieħu kont tal-kapaċità ta' kontribut tagħhom fil-kalkolu tal-kofinanzjament Komunitarju.

*Artikolu 15*

**Sigurtà fl-ikel**

1. L-objettiv tal-programm tematiku dwar is-sigurta ta' l-ikel għandu jkun li jtejjeb is-sigurtà ta' l-ikel favur l-aktar persuni fqar u vulnerabbli u jikkontribwixxi sabiex jinkisbu l-Għanijiet ta' Żvilupp tal-Millennju fir-rigward tal-povertà u l-ġuħ, permezz ta' sett ta' azzjonijiet li jiżguraw koerenza, komplementarjetà u kontinwità globali ta' l-interventi Komunitarji, inkluż fil-qasam tat-transizzjoni minn soljev għal żvilupp.

2. Sabiex jinkiseb l-objettiv imsemmi fil-paragrafu 1 u konsistentement ma' l-Artikolu 11, il-programm għandu jinkludi l-oqsma ta' attività li ġejjin:

(a) kontribut għad-dispożizzjoni ta' prodotti pubbliċi internazzjonali, b'mod partikolari innovazzjoni ta' riċerka u teknoloġija mmexxija mid-domanda favur il-faqar, kif ukoll żvilupp tal-kapaċità, koperazzjoni u ġemellaġġ xjentifiku u teknoloġiku Nofsinhar-Nofsinhar u Nofsinhar-Tramuntana;

(b) appoġġ lil programmi globali, kontinentali u reġjonali li b'mod partikolari:

(i) jappoġġaw informazzjoni dwar is-sigurtà ta' l-ikel u twissija bikrija;

(ii) jappoġġaw is-sigurtà ta' l-ikel f'oqsma speċifiċi bħall-agrikoltura, inkluż formulazzjoni ta' linji politiċi agrikoli reġjonali u aċċess għal ġestjoni ta' l-art, il-kummerċ agrikolu u riżorsi naturali;

(iii) jippromwovu, isaħħu u jikkomplementaw l-istrateġiji tas-sigurtà ta' l-ikel nazzjonali u t-tnaqqis tal-faqar fil-perjodu qasir, medju u itwal; u

(iv) jappoġġaw networking ta' esperti ta' politika u atturi mhux Statali sabiex irawmu l-aġenda globali tas-sigurtà ta' l-ikel;

(ċ) promozzjoni u avvanzar ta' l-aġenda tas-sigurtà ta' l-ikel. Il-Komunità għandha tkompli tindirizza l-kwistjonijiet prinċipali tas-sigurtà ta' l-ikel fid-dibattitu internazzjonali, u għandha tippromwovi l-armonizzazzjoni, il-koerenza u l-allinjament ta' linji politiċi u modi ta' twassil ta' l-għajnuna ta' msieħba u donaturi ta' żvilupp. B'mod partikolari, għandha tissaħħaħ il-promozzjoni tar-rwol tas-soċjetà ċivili fi kwistjonijiet tas-sigurtà ta' l-ikel;

(d) indirizzar tan-nuqqas ta' sigurtà ta' l-ikel f'sitwazzjonijiet eċċezzjonali ta' transizzjoni u fraġilità ta' l-Istat, bi rwol ċentrali fl-irbit ta' assistenza, rijabilitazzjoni u żvilupp. Il-programm tematiku għandu:

(i) jappoġġa interventi sabiex jipproteġi, jmantni u jirkupra assi produttivi u vitali għas-sigurtà ta' l-ikel, sabiex jiffaċilita l-integrazzjoni ekonomika u r-rijabilitazzjoni fuq terminu itwal u

(ii) jappoġġa l-prevenzjoni u l-immaniġġar ta' kriżijiet, sabiex jindirizza vulnerabbiltà għal xokkijiet u sabiex isaħħaħ ir-reżistenza tan-nies;

(e) żvilupp ta' linji ta' politika, strateġiji u approċċi innovattivi tas-sigurtà ta' l-ikel, u t-tisħiħ tal-potenzjal għar-replikazzjoni tagħhom u d-disseminazzjoni Tramuntana-Tramnuntana. L-oqsma ta' intervent jistgħu jinkludu agrikoltura, inkluż ir-riforma ta' l-art u l-politika ta' l-art, ġestjoni sostenibbli ta' u aċċess għal riżorsi naturali, sigurtà ta' l-ikel relatata ma' l-iżvilupp rurali u lokali, inkluż infrastruttura, nutriment, demografija u xogħol, migrazzjoni, saħħa u edukazzjoni. Għandhom jiġu żgurati l-konsistenza u komplementarjetà ma' programmi Komunitarji oħrajn f'dawn l-oqsma.

*Artikolu 16*

## Il-migrazzjoni u l-asil

1. L-objettiv tal-programm tematiku dwar koperazzjoni ma' pajjiżi terzi fl-oqsma tal-migrazzjoni u l-asil għandu jkun li jappoġġahom fl-isforzi tagħhom sabiex tiġi żgurata ġestjoni aħjar ta' flussi ta' migrazzjoni fid-dimensjonijiet kollha tagħhom. Filwaqt li s-suġġett tal-programm tematiku primarjament għandu jkun il-migrazzjoni lejn l-UE, hu għandu jieħu kont ukoll tal-flussi migratorji relevanti nofsinhar/nofsinhar.

2. Sabiex jinkiseb l-objettiv imsemmi fil-paragrafu 1 u konsistentement ma' l-Artikolu 11, il-programm għandu jinkludi l-oqsma ta' attività li ġejjin:

(a) it-trawwim tar-rabtiet bejn migrazzjoni u żvilupp, speċjalment bl-inkoraggiment tal-kontribut ta' dijaspori għall-iżvilupp tal-pajjiż ta' oriġini tagħhom u t-tiżdid tal-valur tar-ritorn tal-migranti; li jitnaqqas it-telf ta' l-aħjar imħuħ u li jiġi promoss il-moviment ċirkolari ta' migranti b'ħiliet; li jiġu ffaċilitati t-transferimenti finanzjarji ta' migranti lejn il-pajjiż ta' l-oriġini tagħhom; li jiġi appoġġat ir-ritorn volontarju u l-integrazzjoni mill-ġdid ta' migranti u l-bini ta' kapaċitajiet għall-ġestjoni tal-migrazzjoni; it-trawwim ta' sforzi ta' żvilupp ta' kapaċitajiet sabiex jgħinu pajjiżi fit-tfassil ta' linji politiċi ta' migrazzjoni favur l-iżvilupp u fil-kapaċità tagħhom sabiex jiġġestixxu b'mod konġunt il-flussi ta' migrazzjoni;

(b) il-promozzjoni ta' migrazzjoni tax-xogħol ġestita tajjeb, b'mod partikolari billi tingħata informazzjoni dwar il-migrazzjoni legali u l-kondizzjonijiet ta' dħul u waqfien fit-territorju tal-Komunità; li tingħata informazjoni dwar l-opportunitajiet u ħtiġijiet tal-migrazzjoni tax-xogħol fl-Istati Membri u dwar kwalifiki ta' kandidati ta' pajjiżi terzi għall-migrazzjoni; li jiġi appoġġat it-taħriġ ta' qabel it-tluq għal kandidati għal migrazzjoni legali; u l-inkoraġġiment tad-definizzjoni u l-implimentazzjoni ta' oqfsa leġiżlattivi għal ħaddiema migranti f'pajjiżi terzi;

(ċ) il-ġlieda kontra l-immigrazzjoni illegali u l-iffaċilitar ta' l-ammissjoni mill-ġdid ta' l-immigranti illegali, inkluż bejn pajjiżi terzi, u b'mod partikolari, il-ġlieda kontra l-kuntrabandu ta' u t-traffikar tal-bnedmin; li tiġi skoraġġuta l-immigrazzjoni illegali u titqajjem kuxjenza dwar ir-riskji relatati magħha; li jittejbu l-kapaċitajiet fiż-żoni tal-ġestjoni ta' konfini, viżi u passaporti, inkluż is-sigurtà ta' dokumenti u l-introduzzjoni ta' *data* bijometrika, u t-tkixxif ta' dokumenti foloz; l-implimentazzjoni ftehim ta' ammissjoni mill-ġdid effettivi li ġew konklużi mal-Komunità u obbligi li jirriżultaw minn ftehim internazzjonali; u li jiġu assistiti pajjiżi terzi fil-ġestjoni ta' immigrazzjoni illegali u fil-koordinazzjoni tal-linji politiċi tagħhom;

(d) il-protezzjoni ta' migranti, inkluż l-aktar vulnerabbli bħan-nisa u t-tfal, kontra l-isfruttament u l-esklużjoni permezz ta' miżuri bħal-leġislazzjoni ta' pajjiżi terzi li qed jiżviluppaw fil-qasam tal-migrazzjoni; li jiġu appoġġati l-integrazzjoni u n-non-diskriminazzjoni kif ukoll miżuri li jipproteġu migranti mir-razziżmu u l-ksenofobija; il-prevenzjoni u l-ġlieda kontra l-kuntrabandu ta' u t-traffikar tal-bnedmin u kull forma ta' skjavitù;

(e) il-promozzjoni ta' asil u protezzjoni internazzjonali, anke permezz ta' programmi ta' protezzjoni reġjonali, b'mod partikolari fit-tisħiħ ta' kapaċitajiet internazzjonali; l-appoġġ tar-reġistrazzjoni ta' applikanti għal asil u refuġjati; il-promozzjoni ta' l-i*standards* u l-istrumenti internazzjonali dwar il-protezzjoni ta' refuġjati; l-appoġġ għat-titjib fil-kondizzjonijiet ta' riċezzjoni u integrazzjoni lokali, u l-ħidma lejn soluzzjonijiet dewwiema.

*Artikolu 17*

## Il-pajjiżi tal-Protokoll taz-Zokkor ta' l-AKP

1. Il-pajjiżi tal-Protokoll taz-Zokkor ta' l-AKP elenkati fl-Anness III milquta mir-riforma taz-zokkor tal-Komunità għandhom jibbenefikaw minn programm ta' miżuri ta' akkompanjament. L-assistenza Komunitarja lil dawn il-pajjiżi għandha timmira li tappoġġa l-proċess ta' aġġustament tagħhom meta jiffaċċaw kondizzjonijiet ġodda dwar is-suq taz-zokkor minħabba r-riforma ta' l-organizzazzjoni komuni tas-suq taz-zokkor. L-assistenza Komunitarja għandha tieħu kont ta' l-istrateġiji ta' adattament ta' pajjiżi u għandha tagħti attenzjoni speċifika lill-oqsma ta' koperazzjoni li ġejjin:

(a) it-tisħiħ tal-kompetittività tas-settur taz-zokkor u tal-kannamieli, fejn dan huwa proċess xieraq, b'kont meħud tas-sitwazzjoni tal-partijiet interessati differenti fil-katina;

(b) il-promozzjoni tad-diversifikazzjoni ekonomika taż-żoni dipendenti miz-zokkor;

(ċ) jiġu indirizzati impatti usa' ġġenerati mill-proċess ta' adattament, possibbilment relatat, iżda mhux ristrett, għall-impjiegi u s-servizzi soċjali, l-użu ta' l-art u r-ristorazzjoni ambjentali, is-settur ta' l-enerġija, ir-riċerka u l-innovazzjoni u l-istabbiltà makro-ekonomika.

2. Fl-ammont imsemmi fl-Anness IV, il-Kummissjoni għandha tistabbilixxi l-ammont massimu disponibbli għal kull pajjiż tal-Protokoll taz-Zokkor għall-finanzjament ta' l-azzjonijiet imsemmija fil-paragrafu 1 abbażi tal-ħtiġijiet ta' kull pajjiż, relatati b'mod partikolari ma' l-impatt tar-riforma tas-settur taz-zokkor fil-pajjiż ikkonċernat u ma' l-importanza tas-settur taz-zokkor għall-ekonomija. Il-qjies tal-kriterji ta' l-allokazzjoni għandu jkun ibbażat fuq id-data tal-kampanji ta' qabel l-2004.

Għandhom jiġu definiti mill-Kummissjoni, li taġixxi skond il-proċedura msemmija fl-Artikolu 35(2), istruzzjonijiet ulterjuri dwar l-allokazzjoni ta' l-ammont totali fost il-benefiċjarji.

TITOLU III

## PROGRAMMAR U ALLOKAZZJONI TA' FONDI

*Artikolu 18*

### Qafas ġenerali tal-programmazzjoni u l-allokazzjoni ta' fondi

1. Fil-każ ta' programmi ġeografiċi, il-Kummissjoni għandha tfassal dokument ta' strateġija u programm indikattiv pluriennali għal kull pajjiż jew reġjun imsieħeb, kif previst fl-Artikolu 19, u tadotta programm ta' azzjoni annwali għal kull pajjiżi jew reġjun imsieħeb, kif previst fl-Artikolu 22.

Fil-każ ta' programmi tematiċi, il-Kummissjoni għandha tfassal dokumenti ta' strateġija tematika, kif previst fl-Artikolu 20, u tadotta programmi ta' azzjoni kif previst fl-Artikolu 22.

F'ċirkostanzi eċċezzjonali, l-appoġġ Komunitarju jista' jieħu wkoll il-forma ta' miżuri speċjali mhux koperti fid-dokumenti ta' strateġija u l-programmi indikattivi pluriennali, kif previst fl-Artikolu 23.

2. Il-Kummissjoni għandha tiddetermina l-allokazzjonijiet indikattivi pluriennali fi ħdan kull programm ġeografiku bl-użu ta' kriterji ta' allokazzjoni ta' riżorsi standard, oġġettivi u trasparenti, ibbażati fuq il-ħtiġijiet u l-prestazzjoni ta' pajjiż jew reġjun imsieħeb ikkonċernat u żżomm f'moħħha d-diffikultajiet partikolari li jiffaċċaw pajjiżi jew reġjuni fi kriżi, soġġetti għal kunflitt jew diżastru, flimkien ma' l-ispeċifiċità ta' programmi differenti.

Il-ħtiġijiet ta' kriterji jinkludu l-popolazzjoni, id-dħul *per capita* u l-livell ta' povertà, id-distribuzzjoni tad-dħul u l-livell ta' żvilupp soċjali. Il-kriterji ta' prestazzjoni jinkludu progress politiku, ekonomiku u soċjali, progress fi tmexxija tajba u fl-użu effettiv ta' għajnuna, u b'mod partikolari l-mod kif pajjiż juża r-riżori skarsi għall-iżvilupp, billi jibda mir-riżorsi tiegħu stess.

3. Il-Kummissjoni tista' tinkludi allokazzjoni finanzjarja speċifika bl-iskop li ssaħħaħ il-koperazzjoni bejn ir-reġjuni ultraperiferiċi ta' l-UE u l-pajjiżi u reġjuni ġirien imsieħba.

*Artikolu 19*

### Dokumenti ta' strateġija ġeografika u l-programmi indikattivi pluriennali

1. Il-preparazzjoni u l-implimentazzjoni ta' dokumenti ta' strateġija għandhom japplikaw prinċipji dwar l-effikaċja ta' l-għajnuna: appartenenza nazzjonali, sħubija, koordinazzjoni, armonizzazzjoni, allinjament għall-pajjiż destinatarju jew għas-sistemi reġjonali u orientazzjoni ta' riżultati kif stabbilit fl-Artikolu 3(5) sa (8).

2. Id-dokumenti ta' strateġija għandhom ikopru mhux aktar mill-perjodu ta' validità ta' dan ir-Regolament u jimmiraw li jfornu qafas koerenti għal koperazzjoni bejn il-Komunità u l-pajjiż imsieħeb jew ir-reġjun ikkonċernat, b'mod konsistenti ma' l-għan globali u l-kamp ta' applikazzjoni, l-objettivi, l-prinċipji, u l-preskrizzjonijiet ta' politika ta' dan ir-Regolament kif ukoll ma' l-Anness IV. Il-programmi indikattivi pluriennali għandhom ikunu bbażati fuq dokumenti ta' strateġija.

Id-dokumenti ta' strateġija għandhom jiġu riveduti f'nofs it-terminu, jew meħtieġ *ad hoc*, fejn xieraq skond il-prinċipji u l-proċeduri stabbiliti fil-Ftehimiet ta' sħubija u Koperazzjoni konklużi mal-pajjiżi u r-reġjuni msieħba;

3. Id-dokumenti ta' strateġija għandhom, bħala prinċipju, ikunu bbażati fuq djalogu mal-pajjiż u r-reġjun msieħeb li jinvolvi s-soċjetà ċivili u awtoritajiet reġjonali u lokali, sabiex jiġi żgurat li dak il-pajjiż u r-reġjun konċernat jieħu biżżejjed appartenenza tal-proċess u li jiġi inkoraġġut appoġġ għal strateġiji nazzjonali ta' żvilupp, partikolarment dawk għat-tnaqqis tal-faqar.

4. Il-programmi indikattivi pluriennali għandhom jiġu mfassla abbażi tad-dokumenti ta' strateġija għal kull pajjiż jew reġjun imsieħeb. Fejn possibbli, dawn għandhom ikunu s-suġġett ta' ftehim mal-pajjiż u jew ir-reġjun.

Il-programmi indikattivi pluriennali għandhom jistabbilixxu l-oqsma ta' prijorità magħżula għall-finanzjament Komunitarju, l-objettivi speċifiċi, ir-riżultati mistennija u l-indikaturi ta' prestazzjoni.

Il-programmi għandhom jistabbilixxu wkoll allokazzjonijiet finanzjarji indikattivi, kemm globalment kik ukoll għal kull qasam ta' priorità, li dawn jistgħu jingħataw bħala forma ta' firxa, kif meħtieġ. Dawn l-allokazzjonijiet għandhom ikunu konsistenti ma' l-allokazzjonijiet indikattivi kif stabbiliti fl-Anness IV.

Il-programmi għandhom jiġu aġġustati fejn meħtieġ, b'kont meħud ta' kull reviżjoni ta' nofs it-terminu jew *ad hoc* tad-dokumenti tad-dokumenti ta' strateġija.

Allokazzjoni indikattiva pluriennali tista' tiġi miżjuda jew imnaqqsa b'riżultat tar-reviżjonijiet, partikolarment fid-dawl ta' ħtiġijiet speċjali bħal dawk ta' sitwazzjoni ta' wara kriżi, jew fejn prestazzjoni kienet eċċezzjonali jew mhux sodisfaċenti.

5. F'ċirkostanzi bħal kriżijiet, sitwazzjonijiet ta' wara kunflitt jew theddid għad-demokrazija, l-istat tad-dritt, id-drittijiet tal-bniedem jew il-libertajiet fundamentali, tista' tintuża proċedura ta' emerġenza sabiex tmexxi reviżjoni *ad hoc* ta' l-istrateġija ta' koperazzjoni tal-pajjiż jew r-reġjun. Tali reviżjonijiet jistgħu jipproponu strateġija ta' pajjiż jew reġjun sabiex jagħmlu t-transizzjoni lejn koperazzjoni u żvilupp fit-tul.

6. Skond l-Artikolu 2(7), l-istrateġija għandha tiżgura li l-miżuri meħudin taħt dan ir-Regolament ikunu konsistenti ma', u jevitaw duplikazzjoni ma', miżuri eliġibbli għal finanzjament taħt strumenti Komunitarji oħrajn, b'mod partikolari r-Regolament (KE) Nru 1717/2006 u r-Regolament (KE) Nru 1257/96. Meta pajjiżi msieħba jew gruppi ta' pajjiżi msieħba huma direttament involuti fi, jew milquta minn, sitwazzjoni ta' kriżi jew ta' wara l-kriżi, il-programmi indikattivi pluriennali għandhom jagħmlu enfasi speċjali fuq it-tisħiħ tal-koordinazzjoni bejn l-assistenza, ir-rijabilitazzjoni u l-iżvilupp sabiex jiġu mgħejjuna jagħmlu t-transizzjoni minn sitwazzjoni ta' emerġenza għall-fażi ta' żvilupp; programmi għal pajjiżi u reġjuni regolarment soġġetti għal diżastri naturali għandhom jipprovdu għat-tħejjija u l-prevenzjoni ta' diżastri u l-ġestjoni tal-konsegwenzi ta' tali diżastri.

7. Sabiex trawwem il-koperazzjoni reġjonali, il-Kummissjoni tista' tiddeċiedi li huma eliġibbli, meta tadotta programmi ta' azzjoni annwali tat-tip imsemmi fl-Artikolu 22, jew il-miżuri speċjali kif msemmi fl-Artikolu 23 għal miżuri ta' koperazzjoni taħt dan il-Kapitolu li l-proġetti jew il-programm ta' natura reġjonali jew transkonfinali mwettqa ma' pajjiżi elenkati fl-Anness V ikunu eliġibbli, konformement ma' l-ewwel subparagrafu ta' l-Artikolu 2(4). Jistgħu jiġu stabbiliti dispożizzjonijiet għal dan fid-dokumenti ta' strateġija u fil-programmi indikattivi pluriennali msemmijin f'dan l-Artikolu u fl-Artikolu 20.

8. Il-Kummissjoni u l-Istati Membri għandhom jikkonsultaw lil xulxin, kif ukoll lil donaturi u atturi oħrajn involuti fl-iżvilupp inklużi rappreżentanti tas-soċjetà ċivili u awtoritajiet reġjonali u lokali, fi stadju bikri tal-proċess ta' programmazzjoni sabiex jippromwovu l-komplimentarjetà fost l-attivitajiet ta' koperazzjoni tagħhom.

*Artikolu 20*

**Dokumenti ta' strateġija għal programmi tematiċi**

1. Id-dokumenti ta' strateġija tematika m'għandhomx ikopru aktar mill-perjodu ta' validità ta' dan ir-Regolament. Huma għandhom jistabbilixxu l-istrateġija Komunitarja għat-tema konċernata, il-prioritajiet Komunitarji, is-sitwazzjoni internazzjonali u l-attivitajiet ta' l-imsieħba ewlenin. Huma għandhom ikunu konsistenti ma' l-għan globali u l-kamp ta' applikazzjoni, ma' l-objettivi, l-prinċipji u l-preskrizzjonijiet ta' politika ta' dan ir-Regolament kif ukoll ma' l-Anness IV.

Id-dokumenti ta' strateġija tematika għandhom jistabbilixxu l-oqsma ta' prijorità magħżula għall-finanzjament mill-Komunità, l-objettivi speċifiċi, ir-riżultati mistennija u l-indikaturi tar-rendiment.

Id-dokumenti ta' strateġija tematika għandhom jagħtu wkoll allokazzjoni finanzjarja indikattiva, kemm globalment kif ukoll għal kull qasam ta' prijorità; din tista' tingħata, fejn ikun xieraq, f'forma ta' skala.

Id-dokumenti ta' strateġija għandhom jiġu riveduti f'nofs it-terminu tagħhom, jew *ad hoc* jekk ikun meħtieġ.

2. Il-Kummissjoni u l-Istati Membri għandhom jikkonsultaw lil xulxin, kif ukoll lil donaturi u atturi oħrajn involuti fl-iżvilupp inklużi rappreżentanti tas-soċjetà ċivili u ta' l-awtoritajiet lokali, fi stadju bikri tal-proċess ta' programmazzjoni sabiex jippromwovu l-komplimentarjetà fost l-attivitajiet ta' koperazzjoni tagħhom.

3. Għandhom jiġu stabbiliti riżorsi u prioritajiet ta' intervent għall-parteċipazzjoni f'inizjattivi globali.

*Artikolu 21*

**L-adozzjoni ta' dokumenti ta' strateġija ġeografika u tal-programmi indikattivi pluriennali**

Id-dokumenti ta' strateġija u l-programmi indikattivi pluriennali msemmija fl-Artikoli 19 u 20, u kwalunkwe reviżjoni tagħhom imsemmija fl-Artikolu 19(2) u fl-Artikolu 20(1), ir-raba' subparagrafu, kif ukoll miżuri ta' akkumpanjament imsemmija fl-Artikolu 17, għandhom jiġu adottati mill-Kummissjoni skond il-proċedura stabbilita fl-Artikolu 35(2).

TITOLU IV

## IMPLIMENTAZZJONI

*Artikolu 22*

### Adozzjoni ta' programmi ta' azzjoni annwali

1. Il-Kummissjoni għandha tadotta programmi ta' azzjoni annwali bbażati fuq id-dokumenti ta' strateġija u l-programmi indikattivi pluriennali imsemmija fl-Artikoli 19 u 20.

F'każijiet eċċezzjonali, per eżempju fil-każ fejn programm ta' azzjoni jkun għadu ma ġiex adottat, il-Kummissjoni tista', abbażi tad-dokumenti ta' strateġija u l-programmi indikattivi pluriennali imsemmija fl-Artikoli 19 u 20, tadotta miżuri li m'humiex previsti f'programm ta' azzjoni annwali skond l-istess regoli u proċeduri tal-programmi ta' azzjoni.

2. Il-programmi ta' azzjoni annwali għandhom jispeċifikaw l-objettivi li jridu jintlaħqu, l-oqsma ta' intervent, ir-riżultati mistennija, il-proċeduri ta' ġestjoni, kif ukoll l-ammont totali ta' finanzjament ippjanat. Huma għandhom jinkludu deskrizzjoni ta' l-attivitajiet maħsuba li jiġu ffinanzjati, indikazzjoni ta' l-ammonti allokati għal kull attività u orarju indikattiv ta' implimentazzjoni. L-objettivi għandhom ikunu miżurabli u jkollhom punti ta' referenza marbuta maż-żmien.

3. Il-programmi ta' azzjoni annwali għandhom jiġu adottati mill-Kummissjoni skond il-proċedura stabbilita fl-Artikolu 35 (2).

4. Għandha jsir kontroll ambjentali adatt fil-livell tal-proġett partikolari inkluża stima ta' l-impatt ambjentali (EIA) għal proġetti li jkunu ambjentalment sensittivi, partikolarment għall-infrastruttura maġġura ġdida. Fejn ikun relevanti, għandhom jiġu użati stimi ambjentali strateġiċi (SEA) fl-implimentazzjoni ta' programmi settorali. Għandhom jiġu żgurati l-involviment tal-partijiet konċernati interessati fl-istimi ambjentali u l-aċċess pubbliku għar-riżultati.

*Artikolu 23*

### Adozzjoni ta' miżuri speċjali mhux previsti fid-dokumenti ta' strateġija jew fil-programmi indikattivi pluriennali

1. Fil-każ ta' ħtiġijiet jew ċirkostanzi mhux previsti u debitament ġustifikati relatati ma' diżastri naturali, konflitti jew kriżijiet ċivili, u li ma jistgħux jiġu ffinanzjati taħt ir-Regolament (KE) Nru 1717/2006 jew ir-Regolament (KE) Nru 1257/96, il-Kummissjoni għandha tadotta miżuri speċjali mhux previsti fid-dokumenti ta' strateġija jew fil-programmi indikattivi pluriennali (minn hawn 'il quddiem imsejħa "miżuri speċjali").

Il-miżuri speċjali jistgħu jintużaw ukoll sabiex jiffinanzjaw miżuri li jiffaċilitaw it-transizzjoni mill-għajnuna ta' emerġenza għal operazzjonijiet ta' żvilupp fit-tul, inklużi dawk li għandhom l-għan li jħejju lill-popolazzjoni għal kriżijiet rikorrenti.

2. Il-miżuri speċjali għandhom jispeċifikaw l-objettivi segwiti, l-oqsma ta' intervent, ir-riżultati mistennija, il-proċeduri ta' ġestjoni, u l-ammont totali ta' finanzjament. Dawn għandhom jinkludu deskrizzjoni ta' l-azzjonijiet li għandhom jiġu ffinanzjati, indikazzjoni ta' l-ammonti allokati għal kull operazzjoni u l-iskeda ta' żmien indikattiva għall-implimentazzjoni tagħhom. Huma għandhom jinkludu definizzjoni tat-tip ta' indikaturi tal-prestazzjoni li jkollhom jiġu monitorati meta jkunu implimentati l-miżuri speċjali.

3. Fejn l-ispiża ta' dawn il-miżuri taqbeż EUR 10 000 000, il-Kummissjoni għandha tadottahom skond il-proċedura ta' ġestjoni msemmija fl-Artikolu 35(2). Għal miżuri speċjali taħt EUR 10 000 000, il-Kummissjoni għandha tibgħat il-miżuri lill-Istati Membri u lill-Parlament Ewropew għal informazzjoni fi żmien xahar mill-adozzjoni tad-deċiżjoni tagħha.

4. Il-proċedura msemmija fl-Artikolu 35(2) tista' tintuża għall-emendament tal-miżuri speċjali, bħal dawk li jwettqu adattamenti tekniċi, li jestendu l-perjodu ta' implimentazzjoni, li jassenjaw mill-ġdid il-fondi fil-baġit proviżorju, jew li jidu jew inaqqsu d-daqs tal-baġit b'ammont li ma jaqbiżx l-20 % tal-baġit inizjali, sakemm dawn l-emendi ma jkollhomx effett fuq l-objettivi inizjali stabbiliti fid-deċiżjoni tal-Kummissjoni. Kull miżura teknika bħal dawn għandha tiġi kkomunikata fi żmien xahar lill-Parlament Ewropew u lill-Istati Membri.

*Artikolu 24*

### Eliġibbiltà

1. Mingħajr preġudizzju għall-Artikolu 31, għandhom ikunu eliġibbli għall-finanzjament skond dan ir-Regolament għall-finijiet ta' l-implimentazzjoni tal-programmi ta' azzjoni annwali msemmija fl-Artikolu 22 jew tal-miżuri speċjali kif msemmi fl-Artikolu 23, *inter alia*, dawn li ġejjin:

(a) il-pajjiżi u r-reġjuni msieħba, u l-istituzzjonijiet tagħhom;

(b) korpi deċentralizzati fil-pajjiżi msieħba, bħal muniċipalitajiet, provinċji, dipartimenti u reġjuni;

(ċ) korpi konġunti stabbiliti mill-pajjiżi u r-reġjuni msieħba mal-Komunità;

(d) organizzazzjonijiet internazzjonali, inklużi organizzazzjonijiet reġjonali, korpi tan-NU, dipartimenti u missjonijiet, istituzzjonijiet finanzjarji internazzjonali u reġjonali u banek ta' l-iżvilupp, safejn dawn jikkontribwixxu għall-objettivi ta' dan ir-Regolament;

(e) istituzzjonijiet u korpi Komunitarji, iżda biss għall-finijiet ta' implimentazzjoni tal-miżuri ta' appoġġ imsemmija fl-Artikolu 26;

(f) aġenziji ta' l-UE;

(g) l-entitajiet u l-korpi ta' l-Istati Membri, tal-pajjiżi u r-reġjuni msieħba li ġejjin u ta' kwalunkwe pajjiż terz ieħor li jikkonforma mar-regoli dwar l-aċċess għall-assistenza esterna tal-Komunità mniżżla fl-Artikolu 31, safejn dawn jgħinu sabiex jinkisbu l-objettivi ta' dan ir-Regolament:

(i) korpi pubbliċi jew parastatali, awtoritajiet lokali u konsorzji jew assoċjazzjonijiet rappreżentattivi tagħhom;

(ii) kumpanniji, ditti u organizzazzjonijiet u negozji privati oħra;

(iii) istituzzjonijiet finanzjarji li jikkonċedu, jippromwovu u jiffinanzjaw investiment privat f'pajjiżi u reġjuni sħab;

(iv) atturi mhux Statali kif definit fil-paragrafu 2;

(v) persuni fiżiċi.

2. L-atturi mhux Statali u ta' mingħajr profitt eliġibbli għal appoġġ finanzjarju taħt dan ir-Regolament li joperaw fuq bażi indipendenti u ta' responsabbiltà proprja jinkludu: organizzazzjonijiet mhux governattivi, organizzazzjonijiet li jirrappreżentaw il-popli indiġeni, organizzazzjonijiet li jirrappreżentaw lill-minoritajiet nazzjonali u/jew etniċi, assoċjazzjonijiet lokali tan-negozjanti u gruppi taċ-ċittadini, koperattivi, *trade unions*, organizzazzjonijiet li jirrappreżentaw l-interessi ekonomiċi u soċjali, organizzazzjonijiet li jiġġieldu l-korruzzjoni u l-frodi u li jippromwovu tmexxija tajba, organizzazzjonijiet tad-drittijiet ċivili u organizzazzjonijiet li jiġġieldu d-diskriminazzjoni, organizzazzjonijiet lokali (inklużi networks) involuti fil-qasam tal-koperazzjoni u l-integrazzjoni reġjonali deċentralizzata, assoċjazzjonijiet tal-konsumaturi, organizzazzjonijiet tan-nisa u taż-żgħażagħ, organizzazzjonijiet ta' tagħlim, kulturali, ta' riċerka u xjentifiċi, universitajiet, knejjes u assoċjazzjonijiet jew komunitajiet reliġjużi, il-medja u kwalunkwe assoċjazzjoni mhux governattiva u fondazzjonijiet indipendenti inklużi fondazzjonijiet politiċi indipendenti li x'aktarx jikkontribwixxu għall-implimentazzjoni ta' l-objettivi ta' dan ir-Regolament.

*Artikolu 25*

**Tipi ta' finanzjament**

1. Il-finanzjament Komunitarju jista' jieħu l-forom li ġejjin:

(a) proġetti u programmi;

(b) appoġġ baġitarju jekk l-amministrazzjoni ta' l-infiq pubbliku ta' l-Istat imsieħeb tkun trasparenti, affidabbli u effikaċi biżżejjed, u fejn dan ikun stabbilixxa linji politiċi settorali jew makroekonomiċi valutati b'mod pożittiv mid-donaturi ewlenin tiegħu; inklużi, fejn relevanti, l-istituzzjonijiet finanzjarji internazzjonali. Il-Kummissjoni għandha konsistentement tuża approċċ ibbażat fuq riżultati u indikaturi tar-rendiment u għandha tiddefinixxi u timmonitorja b'mod ċar il-kondizzjonalità tiegħu u tappoġġa sforzi ta' pajjiżi msieħba sabiex jiżviluppaw kontroll parlamentari u kapaċitajiet ta' verifika u sabiex jiżdiedu t-trasparenza u l-aċċess pubbliku għall-informazzjoni. L-għoti ta' appoġġ baġitarju għandu jkun kondizzjonali fuq progress sodisfaċenti lejn l-ilħuq ta' l-objettivi f'termini ta' impatt u riżultati;

(ċ) appoġġ settorali;

(d) f'każijiet eċċezzjonali, programmi settorali u ġenerali ta' importazzjoni, li jistgħu jieħdu l-forma ta':

(i) programmi settorali ta' importazzjoni f'oġġetti;

(ii) programmi settorali ta' importazzjoni li jipprovdu l-kambju mill-munita barranija sabiex jiffinanzjaw importazzjonijiet għas-settur in kwistjoni; jew

(iii) programmi ġenerali ta' importazzjoni li jipprovdu flus barranin sabiex jiffinanzjaw importazzjonijiet ġenerali ta' firxa wiesgħa ta' prodotti;

(e) fondi mqiegħda għad-dispożizzjoni tal-BEI jew ta' intermedjarji finanzjarji oħra abbażi ta' programmi tal-Kummissjoni bil-għan li jiġi pprovdut self (b'mod partikolari bħala appoġġ għall-investiment u għall-iżvilupp tas-settur privat), kapital ta' riskju (fil-forma ta' self subordinat jew kondizzjonali) jew sehem minuri u temporanju ieħor fil-kapital tan-negozju, u kontribuzzjonijiet għall-fondi ta' garanzija skond l-Artikolu 32, sal-punt li r-riskju finanzjarju tal-Komunità jkun limitat għal dawn il-fondi;

(f) sussidji fuq ir-rati ta' l-interessi, b'mod partikolari għas-self fil-qasam ta' l-ambjent;

(g) programmi ta' tnaqqis tad-dejn, taħt programmi ta' tnaqqis tad-dejn miftiehma internazzjonalment;

(h) għotjiet maħsuba għall-finanzjament tal-proġetti mressqa mill-entitajiet tat-tip elenkati fl-Artikoli 24(1)(b), (ċ), (d), (f) u (g)(i) sa (v);

(i) għotjiet għall-finanzjament ta' l-ispejjeż operattivi ta' l-entitajiet elenkati fl-Artikolu 24(1)(b), (ċ), (d), (f) u (g)(i), (iii) u (iv);

(j) il-finanzjament ta' programmi ta' ġemellaġġ bejn istituzzjonijiet pubbliċi, awtoritajiet lokali, korpi pubbliċi nazzjonali jew entitajiet legali privati responsabbli għal kompiti ta' servizz pubbliku ta' Stat Membru u dawk ta' pajjiż jew reġjun imsieħeb;

(k) kontribuzzjonijiet għal fondi internazzjonali, bħal dawk immexxija minn organizzazzjonijiet internazzjonali jew reġjonali;

(l) kontribuzzjonijiet għal fondi nazzjonali stabbiliti minn pajjiżi u reġjuni msieħba sabiex jattiraw finanzjament konġunt minn għadd ta' donaturi, jew kontribuzzjonijiet għal fondi stabbiliti minn donatur wieħed jew aktar bil-għan li l-proġetti jiġu implimentati b'mod konġunt;

(m) investimenti ta' kapital f'istituzzjonijiet finanzjarji internazzjonali u f'banek ta' żvilupp reġjonali;

(n) riżorsi umani u materjali meħtieġa għal amministrazzjoni u sorveljanza effettiva ta' proġetti u programmi mill-pajjiżi u reġjuni msieħba.

2. L-assistenza Komunitarja m'għandhiex tintuża sabiex jitħallsu taxxi, dazji jew ħlasijiet f'pajjiżi benefiċjarji.

*Artikolu 26*

**Miżuri ta' appoġġ**

1. Il-finanzjament Komunitarju jista' jkopri n-nefqa relatata ma' l-attivitajiet ta' tħejjija, ta' segwitu, ta' kontroll, ta' verifika u ta' evalwazzjoni, li jkunu direttament meħtieġa għall-implimentazzjoni ta' dan ir-Regolament u għall-kisba ta' l-objettivi tiegħu, pereżempju studji, laqgħat, attivitajiet ta' informazzjoni, ta' sensibilizzazzjoni, ta' taħriġ u ta' pubblikazzjoni, nefqa relatata man-networks informatiċi għall-iskambju ta' l-informazzjoni, kif ukoll kwalunkwe nefqa oħra ta' assistenza amministrattiva jew teknika meħtieġa għall-ġestjoni tal-programm. Huwa għandu jkopri wkoll in-nefqa f'delegazzjonijiet tal-Kummissjoni għall-appoġġ amministrattiv meħtieġ għall-ġestjoni ta' operazzjonijiet iffinanzjati taħt dan ir-Regolament.

2. Dawn il-miżuri ta' appoġġ mhumiex neċessarjament koperti bil-programmi indikattivi pluriennali u għalhekk jistgħu jiġu ffinanzjati barra mill-ambitu ta' dokumenti ta' strateġija u tal-programmi indikattivi pluriennali. Però, huma jistgħu jiġu finanzjati wkoll taħt il-programmi indikattivi pluriennali.

Il-Kummissjoni għandha tadotta miżuri ta' appoġġ li mhumiex koperti mill-programmi indikattivi pluriennali skond l-Artikolu 23 (3) u (4).

*Artikolu 27*

**Ko-finanzjament**

1. Il-miżuri għandhom ikunu eliġibbli għal ko-finanzjament minn dawn li ġejjin, *inter alia*:

(a) Stati Membri u l-awtoritajiet reġjonali u lokali tagħhom, u b'mod partikolari l-aġenziji pubbliċi u parastatali tagħhom;

(b) pajjiżi donaturi oħrajn, u b'mod partikolari l-aġenziji pubbliċi u parastatali tagħhom;

(ċ) organizzazzjonijiet internazzjonali, inklużi organizzazzjonijiet reġjonali, u b'mod partikolari istituzzjonijiet finanzjarji internazzjonali u reġjonali;

(d) kumpannniji, ditti, organizzazzjonijiet privati oħrajn u negozji, u atturi oħrajn mhux Statali;

(e) pajjiżi u reġjuni sħab li jirċievu fondi.

2. Fil-każ ta' ko-finanzjament parallel, il-proġett jew programm jinqasam f'għadd ta' komponenti identifikabbli b'mod ċar, u kull wieħed minnhom ikun finanzjat minn imsieħba differenti li jipprovdu l-ko-finanzjament b'tali mod li l-użu aħħari tal-finanzjament jibqa' dejjem identifikabbli.

Fil-każ ta' ko-finanzjament konġunt, l-ispiża totali ta' proġett jew programm tinqasam bejn l-imsieħba li jipprovdu l-kofinanzjament u r-riżorsi għandhom jitqiegħdu flimkien b'tali mod li l-identifikazzjoni tas-sors ta' finanzjament għal kwalunkwe attività speċifika meħuda bħala parti mill-proġett jew programm ma tkunx possibbli.

3. Fil-każ ta' ko-finanzjament konġunt, il-Kummissjoni tista' tirċievi u tmexxi l-fondi f'isem il-korpi msemmija fil-paragrafu 1 (a), (b) u (ċ) għall-fini ta' l-implimentazzjoni tal-miżuri konġunti. Fondi bħal dawn għandhom jiġu ttrattati bħala dħul ta' finanzi, skond Artikolu 18 tar-Regolament (KE, Euratom) Nru 1605/2002.

*Artikolu 28*

**Proċeduri ta' ġestjoni**

1. Il-miżuri ffinanzjati taħt dan ir-Regolament għandhom jiġu implimentati skond ir-Regolament (KE, Euratom) 1605/2002 u kull reviżjoni tiegħu.

2. Fil-każ ta' ko-finanzjament u f'każijiet oħrajn debitament ġusitifkati, il-Kummissjoni tista' tafda kompiti ta' awtorità pubblika, u b'mod partikolari kompiti ta' implimentazzjoni baġitarji, f'idejn il-korpi msemmija fl-Artikolu 54(2)(ċ) tar-Regolament (KE, Euratom) Nru 1605/2002.

3. Fil-każ ta' ġestjoni deċentralizzata, il-Kummissjoni tista' tiddeċiedi li tuża l-proċeduri ta' akkwist jew ta' għotja tal-pajjiż jew reġjun msieħeb benefiċjarju wara li tkun ivverifikat li huma jirrispettaw il-kriterji relevanti tar-Regolament (KE, Euratom) Nru 1605/2002, sakemm:

— il-proċeduri tal-pajjiż jew reġjun imsieħeb benefiċjarju jissodisfaw il-prinċipji ta' trasparenza, proporzjonalità, trattament ugwali u non-diskriminazzjoni u jimpedixxu kwalunkwe kunflitt ta' interessi,

— il-pajjiż jew reġjun sieħeb benefiċjarju jaċċetta li jiċċekkja regolarment li l-attivitajiet finanzjati mill-Baġit Ġenerali ta' l-Unjoni Ewropea kienu implimentati sewwa, li jieħu miżuri adegwati sabiex jimpedixxi irregolaritajiet u frodi, u, jekk ikun hemm bżonn, jieħu azzjoni legali sabiex jirkupra fondi li tħallsu indebitament.

*Artikolu 29*

**Impenji tal-baġit**

1. L-impenji tal-baġit għandhom isiru abbażi ta' deċiżjonijiet meħuda mill-Kummissjoni skond l-Artikolu 22(1), 23(1) u 26 (1).

2. Il-finanzjament Komunitarju jista' jieħu wieħed minn dawn il-forom legali li ġejjin, *inter alia*:

— ftehim ta' finanzjament,

— ftehim ta' għotja,

— kuntratti ta' akkwist,

— kuntratti ta' impieg.

*Artikolu 30*

**Il-protezzjoni ta' l-interessi finanzjarji tal-Komunità**

1. Kwalunkwe ftehim li jirriżulta minn dan ir-Regolament għandu jinkludi dispożizzjonijiet li jiżguraw il-protezzjoni ta' l-interessi finanzjarji tal-Komunità, b'mod partikolari fir-rigward ta' irregolaritajiet, frodi, korruzzjoni u attivitajiet irregolari oħrajn, skond ir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 2988/1995 tat-18 ta' Diċembru 1995 dwar il-protezzjoni ta' l-interessi finanzjarji tal-Komunità Ewropea ([1]), ir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 2185/1996 tal-11 ta' Novembru 1996 dwar il-verifiki u l-ispezzjonijiet fuq il-post imwettqa mill-Kummissjoni sabiex tipproteġi l-interessi finanzjarji tal-Komunità Ewropea kontra l-frodi u irregolaritajiet oħra ([2]) u r-Regolament (KE) Nru 1073/1999 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Mejju 1999 dwar investigazzjonijiet immexxija mill-Uffiċċju Ewropew Kontra l-Frodi (OLAF) ([3]).

2. Il-ftehim għandhom espressament jintitolaw lill-Kummissjoni u lill-Qorti ta' l-Awdituri sabiex iwettqu verifiki, inklużi verifiki tad-dokumenti jew verifiki fuq il-post ta' kwalunkwe kuntrattur jew sub-kuntrattur li jkun irċieva fondi Komunitarji. Huma għandhom ukoll jawtorizzaw b'mod ċar lill-Kummissjoni sabiex twettaq kontrolli u ispezzjonijiet fuq il-post, kif previst fir-Regolament (Euratom, KE) Nru 2185/96.

3. Il-kuntratti kollha li jirriżultaw mill-implimentazzjoni ta' l-assistenza għandhom jiżguraw id-drittijiet tal-Kummissjoni u tal-Qorti ta' l-Awdituri skond il-paragrafu 2 matul u wara kull eżekuzzjoni tal-kuntratti.

([1]) ĠU L 312, 23.12.1995, p. 1.
([2]) ĠU L 292, 15.11.1996, p. 2.
([3]) ĠU L 136, 31.5.1999, p. 1.

*Artikolu 31*

**Il-proċeduri ta' akkwist pubbliku, il-proċeduri ta' aġġudikazzjoni ta' għotjiet, regoli ta' l-oriġini**

1. Il-parteċipazzjoni fl-aġġudikazzjoni ta' kuntratti ta' akkwist jew ta' għotja ffinanzjati taħt dan ir-Regolament għandha tkun miftuħa għall-persuni fiżiċi kollha li jkunu ċittadini jew persuni ġuridiċi li jkunu stabbiliti fi Stat Membru tal-Komunità, f'pajjiż kandidat uffiċjali kif rikonoxxut mill-Komunità Ewropea jew fi Stat Membru taż-Żona Ekonomika Ewropea.

Il-parteċipazzjoni fl-aġġudikazzjoni ta' kuntratti ta' akkwist jew ta' għotja ffinanzjati taħt programm ġeografiku kif definit fl-Artikoli 5 sa 10 għandha tkun miftuħa għall-persuni fiżiċi kollha li huma ċittadini jew għall-persuni ġuridiċi li huma stabbiliti f'kwalunkwe pajjiż li qed jiżviluppa li huwa eliġibbli permezz ta' l-Anness I.

Il-parteċipazzjoni fl-aġġudikazzjoni ta' kuntratti ta' akkwist jew ta' għotja ffinanzjati taħt programm tematiku kif definit fl-Artikoli 11 sa 16, u l-programm stabbilit fl-Artikolu 17, għandha tkun miftuħa għall-persuni fiżiċi kollha li huma ċittadini ta' jew għall-persuni ġuridiċi li huma stabbiliti f'pajjiż li qed jiżviluppa, kif speċifikat mill-OECD/DAC u fl-Anness II, minbarra persuni fiżiċi jew ġuridiċi eliġibbli permezz tal-programm tematiku jew il-programm stabbilit fl-Artikolu 17. IL-Kummissjoni għandha tippubblika u taġġorna l-Anness II skond reviżjonijiet regolari tal-lista tar-riċevituri ta' għajnuna ta' l-OECD/DAC, u tgħarraf lill-Kunsill b'dan.

2. Il-parteċipazzjoni fl-għoti ta' kuntratti ta' akkwist jew ta' għotja ffinanzjati taħt dan ir-Regolament għandha tkun miftuħa wkoll għall-persuni fiżiċi kollha li huma ċittadini ta' jew għall-persuni ġuridiċi kollha li huma stabbiliti fi kwalunkwe pajjiż minbarra dawk imsemmija fil-paragrafu 1, fejn ġie stabbilit aċċess reċiproku għall-assistenza esterna tagħhom.

L-aċċess reċiproku għandu jingħata kull meta pajjiż jagħti eliġibbiltà fuq termini ndaqs lill-Istati Membri u lill-pajjiż riċevitur konċernat.

L-aċċess reċiproku għandu jkun stabbilit permezz ta' deċiżjoni speċifika dwar pajjiż partikolari jew grupp reġjonali ta' pajjiżi partikolari. Tali deċiżjoni għandha tiġi adottata skond il-proċedura msemmija fl-Artikolu 35 (2) u għandha tkun fis-seħħ għal perjodu minimu ta' sena.

L-għoti ta' aċċess reċiproku għandu jkun ibbażat fuq paragun bejn il-Komunità u donaturi oħrajn u għandu jipproċedi fuq livell settorali, kif definit mill-kategoriji ta' l-OECD/DAC, jew fuq livell ta' pajjiż, sew jekk ikun pajjiż donatur jew riċevitur. Id-deċiżjoni li tingħata din ir-reċiproċità lil pajjiż donatur għandha tkun ibbażata fuq it-trasparenza, il-konsistenza u l-proporzjonalità ta' l-għajnuna pprovduta minn dak id-donatur, inkluża n-natura kwalitattiva u kwantitattiva tagħha. Il-pajjiżi riċevituri għandhom jiġu kkonsultati bħala parti mill-proċedura mfissra f'dan il-paragrafu.

L-aċċess reċiproku fil-pajjiżi l-anqas żviluppati kif definiti mill-OECD/DAC għandu jingħata awtomatikament lill-membri ta' l-OECD/DAC.

3. Il-parteċipazzjoni fl-aġġudikazzjoni tal-kuntratti ta' akkwist jew ta' għotja ffinanzjati taħt l-istrument Komunitarju għandha tkun miftuħa għall-organizzazzjonijiet internazzjonali.

4. Dan t' hawn fuq għandu jkun mingħajr preġudizzju għall-parteċipazzjoni ta' kategoriji ta' organizzazzjonijiet eliġibbli skond in-natura jew il-lokalizzazzjoni rigward l-objettivi ta' l-azzjoni li għandha titwettaq.

5. L-esperti jistgħu jkunu ta' kwalunkwe nazzjonalità, mingħajr preġudizzju għall-ħtiġijiet kwalitattivi u finanzjarji stabbiliti fir-regoli ta' akkwisti Komunitarji.

6. Il-fornimenti u l-materjali kollha mixtrija taħt kuntratt iffinanzjat taħt dan ir-Regolament għandhom joriġinaw mill-Komunità jew minn pajjiż eliġibbli kif definit fil-paragrafu 1 u 2. It-terminu "oriġini" għall-fini ta' dan ir-Regolament hu definit fil-leġislazzjoni Komunitarja relevanti dwar regoli ta' l-oriġini għal skopijiet ta' dwana.

7. Il-Kummissjoni tista', f'każijiet debitament issostanzjati, tawtorizza l-parteċipazzjoni ta' persuni fiżiċi u ġuridiċi minn pajjiżi li għandhom konnessjonijiet ekonomiċi, kummerċjali jew ġeografiċi tradizzjonali ma' pajjiżi ġirien jew pajjiżi terzi oħra, u l-użu ta' provvisti u materjali ta' oriġini differenti.

8. Il-Kummissjoni tista', f'każijiet eċċezzjonali debitament issostanzjati, tawtorizza l-parteċipazzjoni ta' persuni fiżiċi li huma ċittadini jew ta' persuni ġuridiċi li huma stabbiliti f'pajjiżi oħrajn minbarra dawk imsemmijin fil-paragrafu 1 u 2, jew ix-xiri ta' provvisti u materjali ta' oriġini differenti minn dak stabbilit fil-paragrafu 6.

Id-derogi jistgħu jkunu ġustifikati abbażi tan-nuqqas ta' disponibbiltà ta' prodotti u servizzi fis-swieq tal-pajjiżi konċernati, għal raġunijiet ta' urġenza estrema, jew jekk ir-regoli ta' eliġibbiltà jagħmlu r-realizzazzjoni ta' proġett, programm jew azzjoni impossibbli jew eċċessivament diffiċli.

9. Kull meta finanzjament Komunitarju jkopri operazzjoni implimentata permezz ta' organizzazzjoni internazzjonali, il-parteċipazzjoni fil-proċeduri kuntrattwali xierqa għandha tkun miftuħa għall-persuni fiżiċi jew ġuridiċi kollha li jkunu eliġibbli skond il-paragrafi 1 u 2 kif ukoll għall-persuni fiżiċi jew ġuridiċi kollha li huma eliġibbli skond ir-regoli ta' dik l-organizzazzjoni, waqt li tingħata attenzjoni sabiex jiġi żgurat li jingħata trattament ugwali lid-donaturi kollha. L-istess regoli għandhom japplikaw fir-rigward ta' provvisti, materjali u esperti.

Kull meta finanzjament Komunitarju jkopri operazzjoni kofinanzjata ma' pajjiż terz, soġġett għar-reċiproċità kif definit fil-paragrafu 2, jew ma' organizzazzjoni reġjonali, jew ma' Stat Membru, il-parteċipazzjoni fil-proċeduri kuntrattwali xierqa għandha tkun miftuħa għall-persuni fiżiċi jew ġuridiċi kollha li huma eliġibbli skond il-paragrafi 1, 2 u 3 kif ukoll għall-persuni fiżiċi jew ġuridiċi kollha li huma eliġibbli taħt ir-regoli ta' tali pajjiż terz, organizzazzjoni reġjonali jew Stat Membru. L-istess regoli għandhom japplikaw fir-rigward ta' provvisti, materjali u esperti.

10. Għall-finijiet ta' assistenza mogħtija direttament permezz ta' atturi mhux Statali taħt programm tematiku definit fl-Artikolu 14, id-dispożizzjonijiet tal-paragrafu 1 m'għandhomx japplikaw għall-kriterji ta' eliġibbiltà għas-selezzjoni ta' benefiċjarji ta' għotjiet.

Il-benefiċjarji ta' dawn l-għotjiet għandhom iżommu mar-regoli stabbiliti f'dan l-Artikolu fejn l-implimentazzjoni ta' assistenza teħtieġ l-għotja ta' kuntratti ta' akkwist.

11. Sabiex tithaffef l-eliminazzjoni tal-faqar permezz tal-promozzjoni ta' kapaċitajiet lokali, swieq u xiri, konsiderazzjoni speċjali għandha tingħata lill-akkwist lokali u reġjonali f'pajjizi msieħba.

L-offerenti li ġew mogħtija kuntratti għandhom jirrispettaw *standards* internazzjonali miftiehma marbuta max-xogħol, eżempju l-i*standards* marbuta max-xogħol ta' l-ILO, konvenzjonijiet dwar il-liberta' ta' assoċjazzjoni u negozjar kollettiv, eliminazzjoni ta' xogħol sfurzat jew obbligatorju, eliminazzjoni ta' diskriminazzjoni fir-rigward ta' impjieg u okkupazzjoni, u l-abolizzjoni ta' xogħol tat-tfal.

Aċċess minn pajjiżi li qed jiżviluppaw għall-assistenza Komunitarja għandu jkun magħmul possibbli minn tali assistenza teknika kollha kif inhu meqjus xieraq.

*Artikolu 32*

**Fondi magħmula disponibbli lill-Bank Ewropew ta' l-Investiment jew lil intermedjarji finanzjarji oħra**

1. Il-fondi msemmija fl-Artikolu 25(1)(e) għandhom jiġu ġestiti mill-BEI, minn intermedjarji finanzjarji oħra, jew minn kwalunkwe bank jew organizzazzjoni oħra bil-kapaċità li jamministraw tali fondi.

2. Il-Kummissjoni għandha tadotta dispożizzjonijiet implimentattivi għall-paragrafu 1 abbażi ta' każ b'każ sabiex ikun kopert it-tqassim tar-riskji, il-ħlas ta' l-intermedjarju responsabbli għall-implimentazzjoni, l-użu u l-irkupru ta' profitti fuq fondi, u l-għeluq ta' l-operazzjoni.

*Artikolu 33*

**Evalwazzjoni**

1. Il-Kummissjoni għandha twettaq monitoraġġ u reviżjoni tal-programmi tagħha b'mod regolari, u tevalwa r-riżultati ta' l-implimentazzjoni ta' linji politiċi u programmi ġeografiċi u tematiċi, u ta' linji politiċi settorali u l-effikaċja ta' programmar, fejn hu xieraq permezz ta' evalwazzjonijiet esterni indipendenti, sabiex jiġi aċċertat jekk l-objettivi ġewx milħuqa u tkun tista' tifformula rakkomandazzjonijiet bil-ħsieb li jiġu mtejba operazzjonijiet futuri. Għandu jittieħed adegwatament kont tal-proposti mill-Parlament Ewropew jew mill-Kunsill għal evalwazzjonijiet esterni indipendenti. Għandha tingħata attenzjoni partikolari għas-setturi soċjali u għall-progress li sar lejn il-kisba ta' l-Għanijiet ta' Żvilupp tal-Millennju.

2. Il-Kummissjoni għandha tibgħat ir-rapporti ta' evalwazzjoni tagħha lill-Parlament Ewropew u lill-Kumitat imsemmi fl-Artikolu 35 għall-informazzjoni. L-Istati Membri jistgħu jitolbu li jiddiskutu evalwazzjonijiet speċifiċi fil-Kumitat imsemmi fl-Artikolu 35(3). Ir-riżultati għandhom iwasslu għad-disinn ta' programmar u l-allokazzjoni ta' riżorsi.

3. Il-Kummissjoni għandha tassoċja l-partijiet interessati kollha relevanti, inklużi atturi mhux Statali u awtoritajiet lokali, fil-fażi ta' evalwazzjoni ta' l-assistenza tal-Komunità provduta taħt dan ir-Regolament.

TITOLU V

**DISPOŻIZZJONIJIET FINALI**

*Artikolu 34*

**Rapport annwali**

1. Il-Kummissjoni għandha teżamina l-progress li sar fl-implimentazzjoni tal-miżuri meħuda taħt dan ir-Regolament u għandha tippreżenta lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill rapport annwali dwar l-implimentazzjoni u r-riżultati, u sa fejn hu possibbli, dwar l-eżiti ewlenin u l-impatti ta' l-assistenza. Dan ir-rapport għandu jiġi ppreżentat ukoll lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni.

2. Ir-rapport annwali għandu jkollu informazzjoni relatata mas-sena ta' qabel dwar il-miżuri finanzjati, ir-riżultati ta' eżerċizzji ta' monitoraġġ u evalwazzjoni, l-involviment ta' l-imsieħba relevanti, u l-implimentazzjoni ta' obbligi u pagamenti tal-baġit, analizzati skond il-pajjiż, ir-reġjun u s-settur ta' koperazzjoni. Huwa għandu jivvaluta r-riżulti ta' l-assistenza, bl-użu sa fejn hu possibbli, ta' indikaturi speċifiċi u miżurabbli tar-rwol tiegħu fil-sodisfament ta' l-objettivi ta' dan ir-Regolament. Għandha tingħata attenzjoni partikolari għas-setturi soċjali u għall-progress li sar lejn il-kisba ta' l-Għanijiet ta' Żvilupp tal-Millennju.

*Artikolu 35*

**Kumitat**

1. Il-Kummissjoni għandha tkun assistita minn kumitat.

2. Fejn issir referenza għal dan il-paragrafu, għandhom japplikaw l-Artikoli 4 u 7 tad-Deċiżjoni 1999/468/KE, b'kont meħud tad-dispożizzjonijiet ta' l-Artikolu 8 tagħha. Il-perjodu stabbilit fl-Artikolu 4(3) tad-Deċiżjoni għandu jkun ta' 30 jum.

3. Fejn issir referenza għal dan il-paragrafu, l-Artikoli 3 u 7 tad-Deċiżjoni 1999/468/KE għandhom japplikaw, b'kont meħud tad-dispożizzjonijiet ta' l-Artikolu 8 tagħha.

4. Il-Kumitat għandu jadotta r-regoli ta' proċedura tiegħu.

5. Osservatur mill-BEI għandu jieħu sehem fil-proċeduri tal-kumitat, rigward dawk il-kwistjonijiet li jkunu jikkonċernaw lill-Bank.

*Artikolu 36*

**Parteċipazzjoni minn pajjiż terz mhux eliġibbli taħt dan ir-Regolament**

Mingħajr preġudizzju għall-Artikolu 3(5), sabiex tkun żgurata l-koerenza u l-effikaċja ta' l-assistenza Komunitarja, il-Kummissjoni tista' tiddeċiedi meta tadotta programmi ta' azzjoni msemmija fl-Artikolu 22 jew il-miżuri speċjali msemmija fl-Artikolu 23 li pajjiżi, territorji u reġjuni eliġibbli għall-assistenza Komunitarja taħt ir-Regolament (KE) Nru 1085/2006 jew ir-Regolament (KE) Nru 1638/2006 u l-FEŻ huma eliġibbli għal miżuri taħt dan ir-Regolament fejn il-proġett jew programm ġeografiku jew tematiku li jkun ser jiġi implimentat ikun ta' natura globali, reġjonali jew transkonfinali. Proviżjon jista' jsir għal dan il-metodu ta' finanzjament fid-dokumenti ta' strateġija u programmi indikattivi pluriennali msemmija fl-Artikoli 19 u 20. Id-dispożizzjonijet ta' l-Artikolu 10 dwar l-eligibbiltà u d-dispożizzjonijiet ta' l-Artikolu 31 dwar parteċipazzjoni fi proċeduri ta' akkwist pubbliku u ta' għoti ta' sussidji u regoli ta' oriġini għandhom jiġu adattati sabiex jippermettu lill-pajjiżi, lit-territorji u lir-reġjuni kkonċernati jieħdu sehem.

*Artikolu 37*

**Sospensjoni ta' assistenza**

Mingħajr preħudizzju għad-dispożizzjonijiet dwar sospensjoni ta' għajnuna fi ftehim ta' sħubija u koperazzjoni ma' pajjizi u reġjuni msieħba, fejn pajjiż imsieħeb jonqos milli josserva l-prinċipji msemmija fl-Artikolu 3(1), u fejn konsultazzjonijiet ma' pajjiż terz ma jwasslux għal soluzzjoni aċċettabbli għaż-żewġ partijiet, jew jekk konsultazzjonijiet jiġu miċħuda jew f'każijiet ta' urġenza speċjali, il-Kunsill, filwaqt li jaġixxi b'maġġoranza kwalifikata fuq proposta mill-Kummissjoni, jista' jieħu miżuri xierqa fir-rigward ta' kwlaunkwe assistenza mogħtija lill-pajjiż imsieħeb taħt dan ir-Regolament. Tali miżuri jistgħu jinkludu s-sospensjoni sħiħa jew parzjali ta' l-assistenza.

*Artikolu 38*

**Disposizzjonijiet finanzjarji**

1. L-ammont finanzjarju ta' referenza għall-implimentazzjoni ta' dan ir-Regolament tul il-perjodu 2007-2013 huwa EUR 16 897 000 000.

2. L-ammonti indikattivi allokati għal kull programm imsemmi fl-Artikoli 5 sa 10 u 11 sa 16 u 17 huma stabbiliti fl-Anness IV. Dawn l-ammonti huma stabbiliti għall-perjodu 2007-2013.

3. Ghandhom jiġu awtorizzati approprjazzjonijiet annwali mill-awtorità baġitarja fil-limiti tal- qafas finanzjarju.

4. Ġie inkluż ammont indikattiv ta' EUR 465 000 000 fl-ammont totali għal programmi tematiċi sabiex jiġu ffinanzjati attivitajiet li huma ta' benefiċċju għall-pajjiżi ta' l-ENPI.

*Artikolu 39*

**Tħassir**

1. Ir-Regolamenti li ġejjin huma mħassra:

(a) Ir-Regolament (KE) Nru 2110/2005 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ta' l-14 ta' Diċembru 2005 dwar l-aċċess għall-għajnuna esterna tal-Komunità ([1]);

(b) Ir-Regolament (KE) Nru 806/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-21 ta' April 2004 dwar il-promozzjoni ta' l-ugwaljanza bejn is-sessi fil-koperazzjoni għall-iżvilupp ([2]);

(ċ) Ir-Regolament (KE) Nru 491/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-10 ta' Marzu 2004 li jistabbilixxi programm ta' għajnuna finanzjarja u teknika lil pajjiżi terzi fl-oqsma ta' l-immigrazzjoni u ta' l-eżilju (AENEAS) ([3]);

(d) Ir-Regolament (KE) Nru 1568/2003 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Lulju 2003 dwar għajnuna għall-ġlieda kontra mard marbut mal-faqar (HIV/AIDS, it-tuberkulożi u l-malarja) f'pajjiżi li qegħdin jiżviluppaw ([4]);

(e) Ir-Regolament Nru 1567/2003 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Lulju 2003 dwar l-għajnuna għal strateġiji u azzjonijiet dwar ir-riproduttività u s-saħħa sesswali u d-drittijiet fil-pajjiżi li għadhom jiżviluppaw ([5]);

(f) Ir-Regolament (KE) Nru 2130/2001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-29 ta' Ottubru 2001 dwar azzjonijiet sabiex jgħinu popolazzjonijiet li kienu mġiegħla jitilqu minn pajjiżi li għadhom qed jiżviluppaw ta' l-Asja u ta' l-Amerika Latina ([6]);

(g) Ir-Regolament (KE) Nru 2494/2000 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-7 ta' Novembru 2000 dwar miżuri sabiex jiġi promossi l-konservazzjoni u l-immaniġġar sostenibbli tal-foresti tropikali u foresti oħrajn f'pajjiżi li qed jiżviluppaw ([7]);

(h) Ir-Regolament (KE) Nru 2493/2000 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-7 ta' Novembru 2000 dwar miżuri sabiex tiġi promossa l-integrazzjoni sħiħa tad-dimensjoni ambjentali fil-proċess ta' żvilupp tal-pajjiżi li qed jiżviluppaw ([8]);

(i) Ir-Regolament (KE) Nru 1726/2000 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-29 ta' Ġunju 2000 dwar il-koperazzjoni fl-iżvilupp ma' l-Afrika ta' Isfel ([9]);

(j) Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1659/98 tas-17 ta' Lulju 1998 dwar il-koperazzjoni deċentralizzata ([10]);

([1]) ĠU L 344, 27.12.2005, p.1.
([2]) ĠU L 143, 30.4.2004, p. 40.
([3]) ĠU L 80, 18.3.2004, p. 1.
([4]) ĠU L 224, 6.9.2003, p. 7. Regolament kif emendat mir-Regolament (KE) Nru 2110/2005.
([5]) ĠU L 224, 6.9.2003, p. 1. Regolament kif emendat mir-Regolament (KE) Nru 2110/2005.
([6]) ĠU L 287, 31.10.2001, p. 3. Regolament kif emendat mir-Regolament (KE) Nru 2110/2005.
([7]) ĠU L 288, 15.11.2000, p. 6. Regolament kif emendat mir-Regolament (KE) Nru 2110/2005.
([8]) ĠU L 288, 15.11.2000, p. 1. Regolament kif emendat mir-Regolament (KE) Nru 2110/2005.
([9]) ĠU L 198, 4.8.2000, p. 1. Regolament kif emendat l-aħħar mir-Regolament 2110/2005.
([10]) ĠU L 213, 30.7.1998, p. 6. Regolament kif emendat l-aħħar mir-Regolament (KE) Nru 625/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 99, 3.4.2004, p. 1).

(k) Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1658/98 tas-17 ta' Lulju 1998, dwar il-ħidmiet ta' finanzjament konġunt ma' l-organizzazzjonijiet Ewropej mhux tal-gvern (OMG) f'setturi ta' interess għall-pajjiżi li qed jiżviluppaw ([1]);

(l) Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1292/96 tas-27 ta' Ġunju 1996 dwar il-politika ta' l-għajnuna ta' l-ikel u t-tmexxija ta' l-għajnuna ta' l-ikel ([2]);

(m) Ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 443/92 tal-25 ta' Frar 1992 dwar l-għajnuna finanzjarja u teknika lil, u ko-operazzjoni ekonomika ma', pajjiżi li qed jiżviluppaw fl-Asja u l-Amerika Latina ([3]) (ALA).

2. Ir-Regolamenti abrogati għandhom ikomplu jiġu applikati għal atti u impenji legali tas-snin tal-baġit ta' qabel l-2007. Kwalunkwe referenza għar-Regolamenti abrogati għandha titqies bħala referenza għal dan ir-Regolament.

*Artikolu 40*

**Reviżjoni**

Mhux aktar tard mill-31 ta' Diċembru 2010, Il-Kummissjoni għandha tippreżenta lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill rapport li jevalwa l-implimentazzjoni ta' dan ir-Regolament fl-ewwel tliet snin ma', jekk xieraq, proposta leġiżlattiva li tintroduċi l-modifikazzjonijiet meħtieġa, inkluż l-allokazzjoni finanzjarja stabbilita fl-Anness IV.

*Artikolu 41*

**Dħul fis-seħħ**

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu fil-*Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea.*

Għandu japplika mill-1 ta' Jannar 2007 sal-31 ta' Diċembru 2013.

Dan ir-Regolament għandu jorbtu fl-intier tiegħu u jkunu direttament applikabbli fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussel, 18 ta' Diċembru 2006.

| *Għall-Parlament Ewropew* | *Mill-Kunsill* |
|---|---|
| *Il-President* | *Il-President* |
| J. BORRELL FONTELLES | J.-E. ENESTAM |

([1]) ĠU L 213, 30.7.1998, p. 1. Regolament kif emendat l-aħħar mir-Regolament (KE) Nru 2110/2005.
([2]) ĠU L 166, 5.7.1996, p. 1. Regolament kif emendat mir-Regolament (KE) Nru 1726/2001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 234, 1.9.2001, p. 10).
([3]) ĠU L 52, 27.2.1992, p. 1. Regolament kif emendat l-aħħar mir-Regolament (KE) Nru 2112/2005 (ĠU L 344, 27.12.2005, p. 23).

*ANNESS I*

**PAJJIŻI ELIĠIBBLI TAĦT L-ARTIKOLU 1(1)**

Amerika Latina

1. Arġentina
2. Bolivja
3. Brażil
4. Ċilì
5. Kolumbja
6. Kosta Rika
7. Kuba,
8. Ekwador
9. El Salvador
10. Gwatemala
11. Ħonduras
12. Messiku
13. Nikaragwa
14. Panama
15. Paragwaj
16. Perù
17. Urugwaj
18. Venezuela

Asja

19. Afganistan
20. Bangladexx
21. Bhutan
22. Kambodja
23. Ċina
24. Indja
25. Indoneżja
26. Repubblika Demokratika tal-Poplu tal-Korea
27. Laos
28. Malasja
29. Maldive
30. Mongolja
31. Myanmar/Burma
32. Nepal
33. Pakistan
34. Filippini
35. Sri Lanka
36. Tajlandja
37. Vjet Nam

Asja Ċentrali

38. Kazakastan
39. Repubblika tal-Kirgistan
40. Taġikistan
41. Turkmenistan
42. Uzbekistan

Lvant Nofsani

43. Iran
44. Iraq
45. Oman
46. Għarabja Sawdita
47. Jemen

Afrika t'Isfel

48. Afrika t'Isfel

*ANNESS II*

## LISTA TA' L-OECD/DAC TA' REĊIPJENTI TA' L-ODA

**Effettiva mill-2006 għar-rappurtar dwar l-2005, l-2006 u l-2007**

| Pajjiżi l-Anqas Żviluppati | Pajjiżi Oħra bi Dħul Baxx (DGN per capita < $ 825 fl-2004) | Pajjiżi u Territorji bi Dħul Medju-Baxx (DGN per capita < $ 3 255 fl-2004) | Pajjiżi u Territorji bi Dħul Medju-Għoli (DGN per capita < $ 3 256-$ 10 065 fl-2004) |
|---|---|---|---|
| Afganistan<br>Angola<br>Bangladexx<br>Benin<br>Bhutan<br>Burkina Faso<br>Burundi<br>Kambodja<br>Kap Verde<br>Rep. ta' l-Afrika Ċentrali<br>Ċad<br>Komoros<br>Repubblika Demokratika tal-Kongo<br>Djibouti<br>Ginea Ekwatorjali<br>Eritrea<br>Etjopja<br>Gambja<br>Ginea<br>Ginea-Bissaw<br>Ħaiti<br>Kiribati<br>Laos<br>Lesoto<br>Liberja<br>Madagaskar<br>Malawi<br>Maldive<br>Mali<br>Mawritanja<br>Możambik<br>Mjanmar<br>Nepal<br>Niġer<br>Rwanda<br>Samoa<br>Sao Tome & Principe<br>Senegal<br>Sierra Leone<br>Gżejjer Solomon<br>Somalja<br>Sudan<br>Tanzanija<br>Timor-Leste<br>Togo<br>Tuvalu<br>Uganda<br>Vanwatu<br>Jemen<br>Żambja | Kamerun<br>Repubblika tal-Kongo<br>Kosta ta' l-Avorju<br>Gana<br>Indja<br>Kenja<br>Repubblika Demokratika tal-Poplu tal-Korea<br>Rep. tal-Kirgistan<br>Moldova<br>Mongolja<br>Nikaragwa<br>Niġerja<br>Pakistan<br>Papwa New Guinea<br>Taġikistan<br>Uzbekistan<br>Vjet Nam<br>Żimbabwe | Albanija<br>Alġerija<br>Armenja<br>Ażerbajġan<br>Belarus<br>Bolivja<br>Bosnja u Ħerzegovina<br>Brażil<br>Ċina<br>Kolumbja<br>Kuba<br>Repubblika Dominikana<br>Ekwador<br>Eġittu<br>El Salvador<br>Fiġi<br>Ġeorġja<br>Gwatemala<br>Guyana<br>Ħonduras<br>Indoneżja<br>Iran<br>Iraq<br>Ġamajka<br>Ġordan<br>Kazakastan<br>Maċedonja, dik li qabel kienet ir-Repubblika Jogoslava tal-<br>Gżejjer Marshall<br>Mikronesja, Stati Fed.<br>Marokk<br>Namibja<br>Niue<br>Territorji Palestinjani<br>Paragwaj<br>Perù<br>Filippini<br>Serbja u Montenegro<br>Sri Lanka<br>Surinam<br>Sważiland<br>Sirja<br>Tajlandja<br>* Tokelau<br>Tonga<br>Tuneżija<br>Turkmenistan<br>Ukraina<br>* Wallis & Futuna | * Anguilla<br>Antigwa u Barbuda<br>Arġentina<br>Barbados<br>Belize<br>Botswana<br>Ċilì<br>Gżejjer Cook<br>Kosta Rika<br>Kroazja<br>Dominika<br>Gabon<br>Grenada<br>Libanu<br>Libja<br>Malasja<br>Mawrizju<br>* Majott<br>Messiku<br>* Montserrat<br>Nauru<br>Oman<br>Palau<br>Panama<br>Arabja Sawdita (1)<br>Seychelles<br>Afrika t'Isfel<br>* St. Helena<br>St. Kitts-Nevis<br>St. Lucia<br>St. Vincent & Grenadines<br>Trinidad & Tobago<br>Turkija<br>* Gżejjer Turks & Caicos<br>Urugwaj<br>Venezwela |

* Territorju.

(1) L-Arabja Sawdita qabżet il-livell ta' pajjiż bi dħul għoli fl-2004. Skond ir-regoli ta' l-OECD/DAC għar-reviżjoni ta' din il-lista, hija sejra titneħħa mil-lista fl-2008 jekk tibqa' pajjiż bi dħul għoli fl-2005 u l-2006. L-ammonti tad-dħul nett tagħha taħt l-ODA mill-Membri ta' l-OECD/DAC kienu ta' USD 9,9 miljuni fl-2003 u USD 9,0 miljuni (preliminari) fl-2004.

*ANNESS III*

**IL-PAJJIŻI TA' L-AKP TAL-PROTOKOLL TAZ-ZOKKOR**

1. Barbados
2. Belize
3. Guyana
4. Ġamajka
5. San Kitts u Nevis
6. Trinidad u Tobago
7. Fiġi
8. Repubblika tal-Kongo
9. Il-Kosta ta' l-Avorju
10. Kenja
11. Madagaskar
12. Malawi
13. Mawrizju
14. Możambik
15. Sważiland
16. Tanzanija
17. Żambja
18. Żimbabwe

*ANNESS IV*

## ALLOKAZZJONIJIET FINANZJARJI INDIKATTIVI GĦALL-PERJODU 2007-2013 (F'MILJUNI TA' EUR)

| | |
|---|---|
| **Total** | **16 897** |
| *Programmi ġeografiċi:* | *10 057* |
| Amerika Latina | 2 690 |
| Asja | 5 187 |
| Asja Ċentrali | 719 |
| Il-Lvant Nofsani | 481 |
| Afrika t'Isfel | 980 |
| *Programmi tematiċ:* | *5 596* |
| Investiment fin-nies | 1 060 |
| Ambjent u ġestjoni sostenibbli ta' riżorsi naturali | 804 |
| Atturi mhux Statali u l-awtoritajiet lokali fl-iżvilupp | 1 639 |
| Sigurtà fl-ikel | 1 709 |
| Migrazzjoni u asil | 384 |
| *Il-pajjiżi tal-Protokoll taz-Zokkor ta' l-AKP:* | *1 244* |

*ANNESS V*

**PAJJIŻI U TERRITORJI LI MHUX QED JIŻVILUPPAW**

1. Awstralja
2. Baħrajn
3. Brunej
4. Kanada
5. Taipei Ċiniż
6. Hong Kong
7. Ġappun
8. Korea
9. Makaw
10. New Zealand
11. Kuwajt
12. Qatar
13. Singapor
14. Emirati Gharab Magħquda
15. Stati Uniti ta' l-Amerika